**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 29 ta` Settembru 2015**

**Kawza Nru. 18**
**Rik. Gur. Nru. 944/12 JZM**

**Mario u Bernardina konjugi Cauchi**
**[I.D. 341846(M) u 270346(M)**
**rispettivament]**

***kontra***

**Alfred Gauci (P.P. nru 597237) u**
**Dolores Coewill (P.P. nru 791735)**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fid-19 ta` Settembru 2012 li jaqra hekk :-

*1. Illi l-esponenti bejn is-sena 2006 u s-sena 2011, ipprestaw servigi u assistenza lill-konjugi Josephine u Anthony Gauci li mietu fit-13 ta` Mejju 2011 u fl-1 ta` Ottubru 2011 rispettivament ;*

*2. Illi l-intimati huma ulied id-defunti konjugi Gauci u huma l-eredi universali tal-genituri taghhom ;*

*3. Illi s-servigi rezi lill-konjugi Gauci jikkonsistu fit-tindif tad-dar regolarment, manutenzjoni ta` l-istess dar inkluz iz-zebgha, hasil u moghdija tal-hwejjeg, il-qadi kollu illi l-imsemmija defunti kienu jitolbuhom, akkompanjament u assistenza ghall-visti medici privati, liema visti kienu jsiru regolarment, akkompanjament ghall-kura u visti gewwa diversi sptarijiet, il-hasil tal-persuna u l-kura tal-feriti ta` omm l-intimati ;*

*4. Illi l-konjugi Gauci kif ukoll il-konvenuti kienu ben konoxxenti tal-fatt illi l-esponenti kienu qed jirrendu dawn is-servizzi b`mod regolari, u l-konjugi Gauci diversi drabi weghdu lill-esponenti anki quddiem terzi persuni s-somma ta` ghaxart elef lira Maltin bhala kumpens ghal dawn is-servigi, izda dan il-kumpens ma nghatax ;*

*5. Illi l-esponenti diversi drabi nterpellaw lill-konvenuti sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u l-hlas tas-servigi rezi minnhom, u dan anke formalment permezz ta` ittra ufficjali bin-numru 1074/12 u datata 30 ta` Marzu 2012, (Dok A) ;*

*6. Illi in kawtela tal-pretensjonijiet minnhom vantati, l-esponenti talbu u ottjenew il-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni Nru. 1279/2012/1RCP (Dok B) ;*

*7. Illi cio nonostante, il-konvenuti baqghu inadempjenti ;*

*8. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza ;*

*Ghaldaqstant in vista ta` dak kollu fuq premess ir-rikorrenti umilment jitolbu illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha :-*

*1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-konvenuti huma responsabbli ghall-hlas ta` servigi rezi mir-rikorrenti tul il-perijodu ta` bejn is-sena 2006 u s-sena 2011 ;*

*2. Tillikwida s-somma dovuta bhala kumpens ghall-istess servigi kif fuq premess, occorrendo bl-opera ta` periti nominandi ;*

*3. Tikkundnna lill-konvenuti jhallsu lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata in linea ta` servigi.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 1074/12 u datata 30 ta` Marzu 2012, u tal-Mandat ta` Inibizzjoni Nru 1279/2012/1RCP, u bl-imghax dekorribbli skond il-ligi kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.*

*B`rizerva ta` kull azzjoni ulterjuri spettenti lir-rikorrenti fil-ligi.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi u l-elenku tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti prezentata fil-25 ta` Ottubru 2012 li taqra hekk :–

*Illi t-talbiet tar-rikorrenti Mario u Bernardina Cauchi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra taghhom u dan ghas-segwenti ragunijiet :-*

*1. Illi ebda hlasijiet m`huma dovuti mill-intimati ahwa Gauci lir-rikorrenti ;*

*2. Illi bla hsara ghas-suespost, ir-rikorrenti ghandhom qabel xejn jippreżentaw prospett dettaljat (u mhux generiku kif sar f`paragrafu tnejn (2) tar-rikors guramentat) tal-allegati servigi rezi minnhom lill-genituri tal-intimati bejn is-sena 2006 u s-sena 2011, ghal liema r-rikorrenti qeghdin jippretendu l-hlas tas-somma ta` ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000) indikata f`paragrafu erbhgha (4) tar-rikors guramentat ;*

*3. Illi bla hsara ghas-suespost, mhuwiex minnu li d-defunti konjugi Gauci jew xi hadd minnhom, weghdu lir-rikorrenti l-hlas tas-somma ta` ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000), izda kienu l-istess rikorrenti li b`mod persistent insistew u ppretendew li jircievu tali somma.*

*4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri, skond il-ligi.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti.

Rat id-digriet taghha tal-5 ta` Novembru 2012 li permezz tieghu ghaddiet ghall-hatra tal-Av. Dr. John Gauci bhala perit legali sabiex ifittex u jrrelata dwar it-talbiet attrici, wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet. Tat direzzjoni lill-perit legali sabiex jigbor il-provi tal-partijiet.

Rat l-atti tal-procediment hekk kif kondott quddiem il-perit legali, inkluz il-provi u n-noti ta` sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat ir-relazzjoni li pprezenta l-perit legali fit-22 ta` Mejju 2014, u li kienet konfermata bil-gurament fit-23 ta` Gunju 2014.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet li pprezentaw il-partijiet wara l-presentata u konferma bil-gurament tar-relazzjoni peritali.

Rat id-digriet li tat fit-13 ta` April 2015 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza *in difett ta` ostakolu.*

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

Rat illi ma hemmx ostakolu sabiex is-sentenza tinghata llum.

## II. Sintesi tal-provi

**L-attrici** xehdet illi fl-2001, Anthony u Josephine Gauci kien gew Malta mill-Ingilterra u bdew joqoghdu Haz-Zebbug. Hi u zewgha joqghodu fl-istess triq. Saru hbieb mill-ewwel, tant li kienu johorgu flimkien fil-weekends. Billi ulied il-konjugi Gauci kienu joqoghdu l-Ingilterra, il-konjugi Gauci ma kienux jittrattaw lill-atturi bhala hbieb biss izda kienu jduru fuqhom ghal assistenza. Meta l-atturi kienu jmorru ghal villeggjatura l-Qawra, il-konjugi Gauci kienu jmorru maghhom u jqattghu gimghat shah maghhom. Ulied Gauci kienu forsi jigu Malta darba jew darbtejn fis-sena. Fil-bidu Gauci kienu jmorru huma l-Ingilterra, u jqattghu sitt xhur hemm, u sitt xhur Malta.

Qalet illi fiz-zmien tal-festi tal-Milied u tal-Ewwel tas-Sena, l-atturi kienu jistiednu lill-konjugi Gauci d-dar taghhom. Meta l-atturi kienu jmorru jieklu ghand it-tfal taghhom, kienu jistiednu lil Gauci biex imorru maghhom halli ma

jibqghux wahedhom. Ftit li xejn kienu Gauci johorgu wahedhom ghaliex kienu jibzghu illi jigrilhom xi haga. Anthony Gauci kien icemplilhom ta` spiss u darba zewgha kellu jitlaq l-ikla tal-familja ghaliex Anthony Gauci kellu bzonn imur l-isptar biex jigi rikoverat. Prattikament Gauci kienu saru parti mill-familja taghhom. Kienu anke jmorru Ghawdex flimkien, bl-ispejjez tal-hrug jinqasmu dejjem bin-nofs, u l-ispejjez tal-fuel u tal-parkegg kienu jhallsuhom l-atturi.

L-attrici tistqarr illi fl-2006, Josephine Gauci bdiet ikollha problemi ta` sahha u ghalhekk minn dak z-zmien mhux biss assistenza kellhom bzonn izda servizz regolari. Ghalhekk hi u zewgha kienu jaghmlu l-qadjiet u xiri ta` kuljum, il-gbir ta` l-medicini mill-isptar, visti ghand il-professuri, u hasil u moghdija ta` hwejjeg. Anthony Gauci kien jaghtiha €10 fix-xahar biex tixtri ghal prodotti tal-hasil, ghalkemm hija kienet tonfoq hafna iktar minnhekk. Meta mardet Josephine Gauci kienu jakkumpanjawha fil-klinika tal-professur Hal-Qormi. Kien issuggerixxa li tigi rikoverata ghal kura fl-Isptar Monte Carmeli. Ghamlet madwar tlett xhur rikoverata hemm u kienu jakkumpanjaw lil Anthony Gauci, fuq talba tieghu, u ghaliex ma kienx isuq, sabiex imur jaraha. Kienu dejjem huma l-atturi illi kienu jhallsu l-ispejjez tal-fuel u mhux il-konjugi Gauci. Hija kienet taghmel il-hasla tal-konjugi Gauci. Meta Josephine Gauci marret lura d-dar, kienu bdew anke jaghmlu t-tindif tad-dar. Minn din s-sena wkoll, l-atturi nghataw ukoll ic-cavetta tad-dar ta` l-konjugi Gauci biex ikunu jistghu jaghtuhom assistenza fil-kaz li tinqala` emergenza matul il-lejl.

Kompliet tixhed illi wara ftit, Josephine Gauci kellha terga` tigi rikoverata l-Isptar San Luqa billi kienet kisret il-hip bone. Damet rikonverata hemm ghal madwar xahrejn l-isptar ; u wara giet rikoverata ghal madwar xahrejn u nofs ohra l-Isptar Karen Grech. Qabel ma harget minn dan tal-ahhar, kienet avvicinathom social worker li kienet ssuggeriet li japplikaw ghal nurse biex tkun tista` timmedika lil Josephine Gauci, u sabiex tghinha tiehu kura taghha nnifisha. Kienu qalu lil Anthony Gauci dwar dan, izda hu kien irrifjuta li juza s-servizz ta` nurse u talab lilhom sabiex ikunu huma illi jiehdu hsieb lil martu meta tmur lura d-dar. Wara l-Isptar Karen Grech, Josephine Gauci kienet giet trasferita ghall-Isptar Zammit Clapp u huma baqghu ghaddejin bl-istess rutina li jwasslu lil Anthony Gauci l-isptar, jiehdu hsieb il-bzonnijiet tieghu u jnaddfu d-dar tieghu.

Spjegat illi waqt illi Josephine Gauci kienet rikoverata l-Isptar Zammit Clapp, Anthony Gauci kellu bzonn jigi rikoverat l-Isptar Mater Dei u ghalhekk spiccaw ghamlu perijodu ta` madwar tlett gimghat izuru lit-tnejn fi sptarijiet differenti u jaqdu l-bzonnijiet taghhom. In segwitu anke Anthony Gauci kien gie rikoverat l-Isptar Zammit Clapp. Billi martu kienet rikoverata hemm ukoll, saret talba biex il-konjugi Gauci jitpoggew fl-istess karma, u t-talba taghhom kienet accettata.

Xehdet illi kemm il-darba kienu talbu l-ghajnuna tal-ahwa ta` Anthony Gauci, izda dawn kienu qalulhom li ma jifilhux u li ma riedux jidhlu ghal din r-responsabbilita. Taf illi konvenut Alfred Gauci (iben Anthony u Josephine Gauci) kien cempel lil Grace Mizzi, li tigi z-zija tieghu, oht missieru, u talabha ftit ghajnuna, izda kienet irrifjutat u qalet li hi u zewgha huma anzjani u kienu joqghodu `l boghod. Billi l-atturi kienu l-unici li kienu fil-fatt qeghdin jiehdu hsieb tal-konjugi Gauci, is-social worker talbithom jaghmlu kuntatt ma` l-ulied tal-konjugi Gauci. U hekk ghamlu. Fil-fatt l-ulied gew Malta. Marru jkellmu lis-social worker li kien qalilhom li l-genituri taghhom ma setghux jibqghu jghixu wahedhom u ssuggerielhom jidhlu f`dar tal-anzjani. Gara li Anthony Gauci ma riedx u pprefera li l-atturi jibqghu jiehdu hsiebhom huma. Meta l-konvenuta kienet Malta, kienet irringrazzjat lill-atturi tas-servizz li kienu qed jaghtu lill-genituri taghha.

Qalet illi l-konjugi Gauci kienu qalu kemm-il darba li riedu jpattulhom ta` dak kollu li kien ghamlu maghhom. Ghalkemm l-atturi ma kienu qeghdin jistennew xejn ghal dak li kienu qeghdin jaghmlu mal-konjugi Gauci, Anthony Gauci kien semma l-figura ta` Lm10,000 biex jikkumpensahom. Dan il-kliem Anthony Gauci qalu quddiem ohtu Grace Mizzi. Anthony Gauci kien anke stqarr illi fil-kaz li jiddeciedi li jmur lura l-Ingilterra u jbiegh d-dar, kien sejjer jaghti Lm10,000 kull wiehed liz-zewg uliedu, Lm10,000 lill-atturi u l-bqija jzommu ghalih.

Kompliet tixhed illi wara li l-konjugi Gauci marru lura d-dar mill-Isptar Zammit Clapp, Josephine Gauci baqghet ma rkupratx u kellha tirrikorri ghall-uzu ta` wheelchair. Il-konsegwenza ta` dan kienet illi huma kellhom jipprestaw aktar assistenza. Hija kienet tahsel u tbiddel lil Josephine Gauci tlett darbiet kuljum bl-ghajnuna ta` Anthony Gauci. Ir-ragel taghha Mario Cauchi kien inaddaf u jaghmel il-manutenzjoni tad-dar tal-istess Gauci. Hi u zewgha kien jibqghu maghhom izommulhom kumpannija gieli anke sa nofs il-lejl. Ghalkemm kienet tipprova taghmel mill-ahjar li tista`, l-attrici ndunat li l-feriti li kellha Josephine Gauci ma kienux qed imorru ghal ahjar ; ghalhekk infurmat lil Anthony Gauci. Kienet tghidlu li martu kellha bzonn ta` assistenza medika. Darba minnhom l-attur zewgha cempel ghal nurse. Meta din waslet u rat lil Josephine Gauci stqarret li post din ma kienx id-dar. Billi l-feriti ma setghux ifiequ, Josephine Gauci kellha tidhol l-Isptar Mater Dei ; minn hemm marret l-Isptar Karen Grech. Huma kien jakkumpanjaw lil Anthony Gauci kuljum biex jaraha.

Fissret illi darba minnhom, ghalkemm t-tnejn kemm huma ma kienux jifilhu, Anthony Gauci nsista xorta wahda li jmur jara lill-mara tieghu. Ghalhekk hi marret mieghu bil-bus tal-linja l-isptar. Kif appena waslu, Anthony Gauci hassu hazin. Dan il-hass hazin rega` gara darb`ohra. Hija ghamlet kuntatt ma` Grace Mizzi sabiex tghidilha b`dak li gara, izda it-twegiba

li kellha kienet illi hija ma setghetx tinqala`. Gara li Anthony Gauci kellu jmur l-isptar u l-atturi qaghdu mieghu l-Emergenza sas-2.00 a.m.

Qalet illi wara zmien fl-Isptar Karen Grech, Josephine Gauci giet trasferita ghad-Dar San Vincenz de Paule. Fit-13 ta` Mejju 2011, l-atturi rcevew telefonata sabiex imorru fil-pront id-Dar billi Josephine Gauci kienet qeghda hazin. Ftit wara Josephine Gauci mietet. Huma avzaw lill-konvenuti fil-pront sabiex jaghmlu l-arrangamenti taghhom halli jigu Malta ghall-funeral. Anthony Gauci ta struzzjonijiet lil zewgha l-attur sabiex jorganizza l-funeral u d-difna. U hekk sar. Wara l-funeral Anthony Gauci talab lil zewgha sabiex isiblu nutar biex ikun jista` jaghmel dak li hemm bzonn ghal wara l-mewt tieghu. Zewgha hekk ghamel u mar mieghu kull fejn xtaq. Il-konvenuti hallew Malta ftit wara l-funeral. Hija u zewgha baqghu jduru b`Anthony Gauci u jaghmluh kull ma kien jehtieg inkluz qadi, tindif tad-dar u l-moghdija tal-hwejjeg.

Stqarret illi wara l-mewt ta` martu, is-sahha ta` Anthony Gauci baqghet sejra lura. Hi u zewgha kienu jaghmlulu kuragg sabiex jingabar ma` wiehed minn uliedu. Fl-ahhar iddecieda li jmur lura l-Ingilterra tant li anke giet Malta l-konvenuta biex tiehu lil missierha lura maghha. Sakemm kienet Malta, l-attrici hadithom numru ta` drabi ghand in-nutar sabiex jirrangaw l-affarijiet. Anthony Gauci nkarika lil zewgha sabiex ibiegh d-dar. Anthony Gauci telaq f`Lulju 2011. Qabel telaq, zewgha qatt ma nsista mieghu fuq dak li kien weghdu ghaliex qaghad fuq il-kelma tieghu. Anthony Gauci miet f`Ottobru 2011. Kienet Grace Mizzi li qaltilhom li miet mhux il-konvenuti. Xi zmien wara, saru jafu li kien sar konvenju ghall-bejgh tad-dar. Huma kienu qeghdin jistennew li jiehdu dak li kien imwieghed lilhom. Il-konvenuti pero` qalulhom li ma kienu sejrin jaghtuhom xejn. L-atturi hassew li l-konvenuti ma kienux mxew tajjeb maghhom specjalment wara li huma stess kienu qalulhom kliem bhal "*allahares ommi u misseri ma sabux lilkom*" u "*grazzi tal-pacjenza u tas-servizz li taghtu lil ġenituri taghna*".

Fil-**kontroezami**, l-attrici xehdet illi r-ragel taghha kien irtira mix-xoghol fl-eta` ta` 57 sena minhabba ugigh fid-dahar. Hija kienet mara tad-dar. Qalet illi dak li ghamlu kien buona volonta` taghhom ghaliex ma kellhom min idur bihom. Kieku Anthony Gauci ma semmiex l-Lm10,000, huma xorta wahda kienu jduru bih. Ghamlu l-kawza ghaliex kienu gew mweghda dawk il-flus. Tiftakar li l-ewwel darba li Anthony Gauci semma dak l-ammont kien lilha fl-2006 meta qalilha : "*ta` dawn l-affarijiet li qed taghmlu mieghi jien nixtieq intik Lm10,000.*" Kien hemm drabi ohra li semma din s-somma u baqa` jsemmiha sakemm telaq lura lejn l-Ingilterra. Tghid illi kien hemm dizgwid bejn Anthony Gauci u u r-ragel taghha ghaliex wara li r-ragel taghha kien ghamel appuntament ma` nutara li ghandha l-ufficcju Hal-Qormi sabiex Anthony Gauci jaghmel t-testment u jnizzel l-Lm10,000, u t-testment sar, in-nutara qaltilhom li ma riedx jikteb xejn dwar l-Lm10,000. Ir-ragel taghha kien mar ghand Anthony Gauci u qallu : "*Hekk tistmaghna wara dak li ghamilna mieghek ? Ittradejtna.*" Anthony ma wiegeb xejn u qabad jibki.

Stqarret illi l-konjugi Gauci kienu jaghmlu sitt xhur Malta u sitt xhur l-Ingilterra sa Marzu tal-2008.

Dwar il-hasil tal-hwejjeg kien Anthony Gauci stess li talabha sabiex tibda tahsillu l-hwejjeg. Gauci ma kellhomx magna tal-hasil tal-hwejjeg. Apparti il-flus biex tixtri l-prodotti tal-hasil, ma tawha xejn aktar. U lanqas hi ma talbet.

**L-attur** ikkonferma d-deposizzjoni ta` l-attrici.

Fil-**kontroezami**, l-attur ikkonferma li dak li ghamlu ma` l-konjugi Gauci ghamluh minghajr interess. Ighid illi l-weghda ta` l-Lm10,000 saret minn Anthony Gauci lill-attrici fl-2006. Ghalkemm ghall-bidu ma kienx qalilhom meta kien se jaghtihom dak l-ammont, in segwitu qalilhom li kien ser jaghtihom dawk il-flus meta jbiegh id-dar. Wara li mietet Josephine Gauci, kienu marru ghand Anthony Gauci u rega` kkonferma : "*Jien ragel, dak li weghdtkom ha ntihulkom zgur u ha naghmlu bil-miktub*". Meta t-tfal tieghu gew mill-Ingilterra, kienu talbuh biex johodhom ghand in-nutar. Dan in-nutar ma kienx ghazlu hu izda kien gie suggerit mill-kommissjonant tal-funeral ta` Josephine Gauci. Wara li kienu lestew min-nutar u marru d-dar, Anthony Gauci kienu qalilhom : "*It-tfal ma hallewni naghmel xejn bil-miktub*." L-attur wiegeb : "*Prosit Ton, kemm ittradejtna sew wara dak kollu li ghamilna maghkom. Dak grazzi ?*" Anthony qabad jibki u telqu `l barra.

Kompla jixhed illi minghand Anthony Gauci huwa qatt ma rcieva xejn. Mhuwiex minnu li Anthony Gauci kien ihallsu ghall-petrol. Lanqas qatt hallsu tal-parking tal-isptar. Min-naha tieghu, huwa qatt ma talab lil Anthony Gauci biex ihallsu ghaliex kienu qallu li se jikkumpensah mod iehor.

**Antoine Abela** xehed illi huwa ghandu hanut tal-laham Haz-Zebbug. Anthony Gauci kien wiehed mill-klijenti tieghu. Jiftakar li ghal nofs l-2008, ma baqax jara lil Gauci. Ghalhekk kstaqsa lill-attrici, li jaf li kienet tiehu hsiebu, x`kien gara minnu. L-attrici wegbitu li Gauci ma kienx jiflah u li kienet se tibda tiehu hsieb ix-xirja hi. Fil-fatt kull gimgha l-attrici kienet tmur tixtri l-laham ghall-konjugi Gauci, sakemm imbaghad qaltlu li kienet mietet l-mara. L-attrici xorta baqghet tixtri sakemm Anthony Gauci ngabar ma` bintu l-Ingilterra fl-2011.

**Rev. Fr. Mario Sammut** xehed illi huwa l-Vici-Kappillan ta` l-Parrocca ta` San Filep, Haz-Zebbug. Ighid li kien imur iqarben lill-konjugi Gauci darbtejn fil-gimgha ghal madwar tliet snin. Gauci kienu joqghodu bieb ma` bieb ma` l-

atturi. Meta kien imur, kien jiftahlu Anthony Gauci ghaliex l-mara kienet marida u ma kenitx timxi. Meta ma kienx jiftah Anthony Gauci, kien imur ghand l-atturi ghaliex kellhom c-cavetta tal-post ta` Gauci.

**Catherine Cauchi** li tigi t-tifla z-zghira tal-atturi xehdet illi fl-2001, il-konjugi Gauci kienu gew Malta u mal-ewwel saru hbieb mal-genituri taghha. Fil-fatt kienu johorgu flimkien. Gauci kienu jmorru jieklu ghandhom ghaliex kienu wahidhom u ghalhekk bdew iqisihom bhala familja. Fl-2006, bdew il-problemi ghaliex Josephine Gauci kienet mardet, u l-genituri taghha kienu johduwha kull fejn kien hemm bzonn bhal sptarijiet u tobba. Kien jitlobhom zewgha billi Gauci ma kellhomx karozza ; u lanqas lil haddiehor. Il-genituri taghha kienu jahslulhom il-hwejjeg, inaddfulhom d-dar u jaghmlulhom x-xirja. Anthony Gauci kien jaghti €10 lil missierha bhal hlas. Meta l-konjugi Gauci kienu t-tnejn l-isptar, il-genituri taghha kienu jmorru minn sptar ghal sptar.

Kompliet tixhed illi meta l-genituri taghha kienu jaghmlu xi zmien villeggjatura l-Qawra, hi stess kienet twassal lil Gauci ghand il-genituri taghha, u gieli haditilhom il-hwejjeg mahmugin sabiex ommha tahsilhom il-Qawra, u terga` tohodhom lura. Missierha kien ihallas tal-fuel. Bhala qraba ta` Gauci tiftakar li kien hemm persuna jisimha Grace li kienet toqghod San Pawl il-Bahar. Din ma tantx kienet tghin ghaliex kienet tghid li hija anzjana wkoll. Meta l-konjugi Gauci kienu l-isptar, il-genituri taghha kienu jqattghu sighat shah maghhom, u meta kienu jkunu d-dar kienu joqghodu maghhom mis-6.00 p.m. sal-11.00 p.m. sakemm jorqdu. Ommha kienet tiehu hsieb ta` Josephine Gauci billi anke taghmlilha ta` nurse u tnaddfilha l-feriti.

Tghid illi meta l-genituri taghhom issuggerewlhom imorru go dar tal-anzjani, Anthony Gauci ma riedx ghaliex huma kienu komdi bis-servizzi tal-genituri u taghha stess. Hi kienet tghid lill-genituri taghha biex joqoghdu attenti ghaliex anke huma kienu kibru fiz-zmien u dawk is-servizi li kienu qeghdin jaghtu lill-konjugi Gauci kien qed johdilhom minn sahhithom. Ir-reazzjoni tal-genituri taghha kienet illi kienu jithassruhom, u li kienu jhossu li bhala hbieb, kellhom jghinuhom. Tghid illi l-konvenuti kienu jafu bis-servizzi tal-genituri taghha. Il-genituri taghha pprestaw dawn is-servizzi bejn l-2006 u l-2011. Fl-2011 mietet Josephine Gauci u dik is-sena stess Anthony Gauci mar l-Ingilterra fejn miet. Missierha kien organizza l-funeral ta` Josephine Gauci.

Fil-**kontroezami** ix-xhud tghid illi hi baqghet tghix mal-genituri taghha sal-ahhar tal-2009. Dik is-sena missierha kien diga` rtira mix-xoghol. Anthony Gauci kien ihobb johrog u li l-genituri taghha dejjem ikkuntentawh. Gieli kienet prezenti ghal ikliet li kien jorganizza missierha ghaliex kien iqabbdu Anthony Gauci ; ghal tlieta minnhom kienet prezenti zgur. Kienet tghid lill-genituri taghha biex jikkalmaw ftit ghaliex minbarra li kienu mdahhlin fl-eta`, kienu qed jittraskuraw kemm lilha u kemm lil ohtha li kienet u ghadha marida. Izda l-

ġenituri kienu jgħidulha illi apparti li kienu ħbieb tagħhom, kienu jitħassruhom għaliex ma kellhomx familja Malta. Qalet ukoll illi meta l-ġenituri tagħha kienu joħorġu lill-konjuġi Gauci, kull koppja kienet toħroġ l-ispejjeż tagħha. Kienet tintuża l-vettura ta` misserha ; il-petrol kien iħallsu missierha.

**Tabib Dr. Godfrey Farrugia** xehed illi huwa t-tabib tal-familja tal-atturi. Kien jaf wkoll lil Anthony u Josephine Gauci għax kien it-tabib tagħhom ukoll. Jiftakar li Josephine Gauci kellha marda li effettwata psikoloġikament u Anthony Gauci kien marid b`qalbu apparti problemi oħra ta` saħħa. Fl-aħħar snin Anthony Gauci kellu problema f`żaqqu minħabba tumur. Josephine Gauci kienet spiċċat fi stat fejn kienet dejjem bilqegħda u *homebound*. Anthony Gauci kien jirreferi lill-atturi għal kull ħtieġa li kellu, kemm għal dak li għandu x`jaqsam ma` mediċini u kif ukoll għal bżonnijiet oħra. Anthony Gauci kellu fiduċja kbira fl-atturi u kien iħalli ħafna affarijiet f`idejhom.

Fil-**kontroeżami**, it-Tabib Farrugia xehed illi Anthony Gauci miet minħabba *cardiac arrest* ikkaġunat minn *congestive heart failure*. Mistoqsi jekk kienx hemm nuqqas fil-nutrizzjoni tiegħu, ix-xhud wieġeb li dan kien hekk iżda kien ukoll sintomu tal-kumpless ta` mard li kellu ; ma kienx il-każ ta` negliġenza. Għas-servizzi lill-konjuġi Gauci kien jitħallas mingħandhom mhux mingħand l-atturi.

**Graziella Cauchi** li tiġi t-tifla l-kbira tal-atturi xehdet illi fl-2006 il-ġenituri tagħha bdew jieħdu ħsieb ta` Anthony u Josephine Gauci. Kienu jaħslulhom il-ħwejjeġ, jixtrulhom l-ikel u anke l-mediċini. Missierha kien anke jagħmel manutenzjoni tad-dar taħhom. Meta Josephine Gauci kienet l-isptar, il-ġenituri tagħha kienu jmorru jarawha u kienu jieħdu lil żewġha magħhom. Kienu jmorru kuljum għaliex Anthony Gauci kien irid imur kuljum. Ġara li wara li marret lura d-dar, Josephine Gauci waqgħet u kellha terġa` tmur l-isptar. Anthony Gauci kien intalab biex iġib nurse ħalli tikkura lil martu. Anthony Gauci pero` ma riedx u talab li ommha sabiex iddur hi bil-mara tiegħu u ommha aċċettat. Ommha kienet tikkura l-feriti li kellha Josephine Gauci, tbiddlilha n-nappy tlett darbiet kuljum u taħsilha. Missierha kien jgħin fit-tqandil. Kien hemm okkażjonijiet fejn esperjenzat dan kollu hija stess direttament. Tiftakar li bħala qraba Anthony Gauci kellu lil oħtu Grace Mizzi ; taf li kien hemm ukoll Michael li kien jiġi hu Josephine Gauci. Iż-żewġ qraba li semmiet kienu jmorru jżurhom nhar ta` Sibt, iżda ma kienux jgħinu għaliex kienu jgħidu li huma anzjani. Il-konjuġi Gauci kienu jfaħħru lill-ġenituri tagħha għas-servizzi li kienu jagħtuhom.

**Grace Mizzi** – oħt Anthony Gauci – xehdet illi l-atturi kienu ħbieb u ġirien tal-konjuġi Gauci. Tgħid illi hija kienet tmur tara lil ħuha Anthony kull nhar ta` Sibt u kull meta kien ikun bżonn. Meta Anthony ma kienx ikun jista` jmur jixtri, kienu jkunu l-atturi li kienu jagħmlulu x-xirja. Tgħid illi ġieli rat

lill-attur jahsel l-art tad-dar ta` huha, u lill-attrici tmur tixtri u tahsel l-hwejjeg. Meta Anthony u martu Josephine kienu l-isptar, l-atturi kienu jmorru jarawhom, ghalkemm kulhadd kien imur jarahom. L-attrici kienet tohodilhom hwejjeg nodfa. Meta Josephine kienet d-dar tal-anzjani tal-Msida, l-ewwel kienet tmur tara lilha mbaghad kienet tmur l-Isptar San Luqa biex tinvista lil Anthony. Dak iz-zmien kienet hi li kienet tiehu hsieb il-hasil tal-hwejjeg ta` Josephine. Fid-dar tal-anzjani, Josephine damet madwar ghaxart ijiem. Tistqarr li Anthony lilha qatt ma qalilha xejn li kien sejjer jaghti somma flus lill-atturi ghas-servizzi taghhom. Lanqas ma taf jekk Anthony kienx jaghti flus lill-atturi matul hajtu.

Fil-**kontroezami**, ix-xhud stqarret illi minbarra hi, kien hemm zewgt ahwa ohra li kienu jmorru jaraw lil huha Anthony ; anke t-tifla taghha gieli marret maghha. Anthony gieli organizza xi ikla jew hargu flimkien ; kull darba kien ihallas Anthony ghaliex kien galantom. Ghall-ikliet kienu jattendu hi u r-ragel taghha, l-atturi u t-tfal taghhom, u hutha hutha Manuel u Michael. Anthony kien gieli semmilha li kien mar Ghawdex mal-atturi.

Kompliet tixhed illi hija kienet biddlet s-serratura tal-bieb tad-dar ta` huha Anthony fuq ordni tieghu u kienet zammet c-cavetta l-gdida. Meta mietet Josephine, l-atturi ma baqghux hbieb ta` Anthony. Meta Anthony kien se jbiegh id-dar, kien ghamel prokura f`isimha biex tiehu hsieb il-bejgh. L-attur ried li l-prokura tkun fuqu. Tiftakar li qabel ma mar lura l-Ingilterra, hija kienet sabet lil Anthony jibki billi kellu xi jghid mal-attur. Meta saqsiet lil Anthony x`kien gara, huwa qalilha kien wieghed li jhallas lill-attur €10,000 mentri l-attur kien qed jinsisti li l-10,000 kienu Liri Maltin mhux Ewro. Anthony qalilha li kien se jaghti lill-atturi €10,000 (mhux Liri Maltin) wara li jbiegh id-dar. Din id-dar ghandha mhijiex mibjugha.

**Helen Saliba** xehdet illi ilha taf lill-atturi ghal iktar minn tletin sena. Taf li l-atturi kienu jduru bil-konjugi Gauci, fis-sens li kienu jixtrulhom, inaddfuhom, jahslulhom il-hwejjeg. L-attur kien ibajjad ukoll. Meta Josephine Gauci mardet, gieli rat lill-attrici tahsilha, tbiddlilha u titmaghha. Ta` kuljum kienet tara lill-atturi hergin mid-dar ta` Gauci. Anke meta l-atturi kienu jmorru villeggjatura kienu jmorru jaraw jekk il-konjugi Gauci kellhomx bzonn ta` xi haga u jahslulhom il-hwejjeg. Meta mbaghad Josephine Gauci kienet l-isptar, l-atturi kienu jlahhqu mat-tnejn ghaliex kienu jiehdu hsieb ta` Anthony Gauci wkoll, apparti li jmorru jzuru lil Josephine Gauci. Ix-xhud tghid li meta miet zewgha, nhar ta` Sibt, l-atturi kien johorgu lilha u maghhom kien ikun hemm il-konjugi Gauci. Tghid illi l-attrici gieli lmentat maghha li Anthony Gauci kien jaghtiha biss € 10 fix-xahar biex tahsillu l-hwejjeg.

Fil-**kontroezami**, ix-xhud stqarret illi hija qatt ma tkellmet mal-konjugi Gauci dwar dak li kienu jhallsu lill-atturi. Tghid illi gieli xtrat xi hobz u halib ghalihom u Anthony Gauci dejjem kien ihallasha. Wara li mietet Josephine

Gauci, kienet tmur tara lir-ragel taghha ; ghalkemm gieli sabet lill-atturi mieghu, kien hemm drabi meta kien wahdu.

**<u>Tabib Dr. Franco Camilleri</u>** xehed dwar in-numru ta` drabi (u ndika d-dati) li nvista lil Anthony Gauci. Wasal ghad-dati min-noti privati tieghu, kif ukoll mill-file ufficjali ta` l-Isptar Mater Dei. Bil-kelma "*carer*" b`referenza ghall-attur, ried ifisser illi l-attur kien jiehu hsieb igib il-pazjent ghandu. Gauci kien imur lura d-dar ghaliex kien jaf li kien hemm l-attur jiehu hsiebu. Anthony Gauci kien fragli fis-sens li minhabba l-mard illi kellu, kien dghajjef u bil-kemm seta joqghod bilwieqfa wahdu.

**<u>Miriam Falzon</u>** xehdet illi kienet taf kemm lill-atturi u kemm lill-konjugi Gauci. Meta kienet tmur Haz-Zebbug biex tiltaqa ma` hbiebha kienet tara lil Anthony Gauci bilqeghda fuq il-bankijiet tal-pjazza. Hi kienet tkun ma` garha ta` Gauci jisimha Lourdes Camilleri. Darba minnhom tiftakar li Anthony Gauci kien stedinhom imorru sad-dar tieghu. Hija gieli offriet li tohrog lill-konjugi Gauci ; hekk kienet taghmel, flimkien ma` Lourdes Camilleri. Qalet li hija ltaqghet ma` l-attur darba biss ; dan kien meta Anthony Gauci kien waqa` u ddahhal l-Emergenza. Wara li Gauci stedinha d-dar, bdiet tmur tarah kwazi kuljum. Imbaghad darba qalilha biex ma tibqax tmur, ghaliex skond Gauci, l-attur kien qed jiehu ghalih li kienet qed tmur tarah.

Kompliet tixhed illi f`okkazjoni minnhom kienet sejra tara lil missierha li kien joqghod Haz-Zebbug u meta ghaddiet minn quddiem d-dar ta` Gauci rat lil Anthony Gauci fil-bieb tad-dar ; kellu bzonn imur jixtri l-medicini. Qal li kien qed jibza` jhalli lill-mara tieghu wahedha d-dar. Hi offriet li twasslu sal-ispizerija u tiehdu lura d-dar ; u hekk sar. Wara li Anthony Gauci telaq lura l-Ingilterra, kien cemplilha meta kien l-isptar. Cemplitilha wkoll it-tifla tieghu biex tghidilha li kien miet. L-unika darba li Anthony Gauci semma lill-atturi maghha kien meta qalilha li l-atturo ma kienx jiehu pjacir li tkun mieghu. Tiftakar li marret ghall-funeral ta` Josephine Gauci ; meta marret taghti l-ghomor lil zewgha, l-attur qalilha biex tersaq lura.

**<u>Lourdes Camilleri</u>** xehdet illi taf kemm lill-atturi kif ukoll lill-konjugi Gauci ghax kienet gahra taghhom. Kienet habiba tal-konjugi Gauci. Kienet tmur tarahom, u huma kienu jmorru ghandha. Darba minnhom Anthony Gauci qalilha biex ma tmurx iktar id-dar taghhom ; wara li staqsietu ghaliex, qalilha li l-attur ma ried lil hadd minnhom d-dar taghhom. Anthony Gauci kien qed jirreferi ghalika, ghal certa Nina, u ghal Miriam Falzon. Huma t-tlieta kienu jmorru kull filghaxija ghand il-konjugi Gauci. Wara dak il-kliem ta` Gauci, hi ddecidiet li ma tmurx aktar ghandhom, bl-eccezzjoni ta` okkazjoni wahda, meta kienet ghaddejja minn quddiem d-dar taghhom, rat lil Anthony Gauci fil-bieb u talabha biex tbiddel n-nappy ta` l-mara tieghu ; u hekk ghamlet. Wara li Anthony Gauci miet l-Ingilterra, bintu cemplitilha biex tavzaha li kien miet.

**Il-konvenuta** xehdet illi hija tigi t-tifla ta` Anthony u Josephine Gauci. Twieldet Malta fl-1959. Marret l-Ingilterra fl-1961. Il-konvenut jigi huha. It-tnejn li huma bil-familji taghhom jirrisjedu Wales. Meta l-genituri taghhom irtiraw riedu jmorru lura Malta. Ghalhekk fl-1990 xtraw dar Haz-Zebbug, u bdew iqattghu sitt xhur tas-sena go Malta u s-sitt xhur l-ohra go Wales. Meta l-genituri kienu jkunu Wales, kienu jabitaw maghha u mar-ragel taghha go estensjoni tad-dar li bnew u li hallsu ghaliha l-genituri stess. Qaghdu maghhom minn Ottobru 2007 sa Marzu 2008, u minn Ottobru 2008 sa Marzu 2009. In segwitu ommha ma regghetx marret l-Ingilterra. Missierha mar f`Lulju 2011, ftit xhur qabel miet.

Kompliet tixhed illi hi u huha kienu jzuru Malta regolarment. U kienu jzomm kuntatt bit-telefon ta` kuljum. Kull darba li kienet tigi Malta kienet tnaddaf d-dar. Go Malta, il-genituri taghha kienu hbieb tal-atturi. Kienu wkoll hbieb ta` girien ohra bhal Lourdes Camilleri u Miriam Falzon. Aktar ma beda ghaddej iz-zmien, bdew johorgu ma` l-atturi u jghaddu l-granet flimkien. Kienu johorgu dejjem bil-karozza tal-attur, ghalkemm missierha kien jhallas tal-ikel, tal-vapur meta kienu jmorru Ghawdex, u anke tal-akkomodazzjoni.

Stqarret illi hija kellha prokura ta` missierha fl-Ingilterra. Kull darba li kienet tigi Malta, kienet tizbanka £3,000 minn kont li missierha kellu l-Ingilterra u ggibhom maghha biex tghaddihom lil missierha. Kien hemm drabi wkoll li kien ighidilha sabiex tibghat cheque f`ismu u jsarrfu go Malta. Missierha kellu pensjoni tal-British Steel, pensjoni tal-Istat Ingliz, pensjoni tal-armata ta` Malta, u l-pensjoni normali. Ommha kellha l-pensjoni ta` Malta u tal-Ingilterra. Il-genituri kienu jzommu hafna flus kontanti d-dar.

Spjegat illi fl-2006, ommha giet dianjostikata bid-dementia u kienet ammessa l-Isptar Monte Carmeli ghal xahar. Wara li harget mill-Isptar kienet ahjar izda kellha tibqa` tiehu l-medicini sabiex il-kondizzjoni taghha tibqa` kkontrollata. Kien biss wara li halliet l-Ingilterra f`Marzu tal-2009 illi l-kondizzjoni taghha marret ghal aghar. L-atturi offrew l-ghajnuna taghhom billi zdiedu l-visti l-isptar u fi klinici privati. Kienu jakkumpanjawhom ghall-appuntamenti li kellhom ; missierha kien ihallas lill-attur tal-ispejjez tat-trasport, u anke l-parking. Kien anke jaghtih €20 tal-hin tieghu. Ghal dak li ghandu x`jaqsam mal-petrol, missierha kien ihallsu billi jghidlu biex jimla l-karozza.

Qalet illi meta kienet tigi Malta zzur lill-genituri taghha, l-atturi kienu jinsistu illi johduhom fejn iridu jmorru, anke jekk ma riedux. Ma kienux jaccettaw risposta negattiva ; missierha kienu ihossu skomdu. Ghalhekk kienu

jhallu lill-attur iwassalhom biex ma jiehux ghalih. Kull darba missierha kien ihallas ta` kollox.

Kompliet tfisser illi mill-2009, missierha beda jiehu hsieb li jnaddaf d-dar u kienu tghinu ohtu Grace Mizzi. L-atturi kienu jghinuh ukoll. Missierha kien jassikuraha li kien qed ihallas ta` kollox. Fil-fatt kien ihallas lill-atturi €40 fix-xahar ghall-hasil tal-hwejjeg, minbarra illi kien jixtri l-washing powder. Meta ommha kienet qeghda l-isptar, missierha ma kienux qed jiehu hsieb tieghu nnifsu, ghalhekk meta kienet tkun Malta kienet ta` kull darba tahsel l-hwejjeg kollha li kellu. Temmen dak li qalilha missierha li kien ihallas lill-atturi ta` kollox, ghaliex kull darba li kienet tkun Malta l-atturi qatt ma lmentaw li ma kienux qed jithallsu ta` dak li kienu qed jaghmlu mal-genituri taghha. Anzi tghid illi kienu jhossuhom komdi hafna fid-dar tal-genituri taghha ghaliex mhux biss kellhom c-cavetta tad-dar, izda kienu jidhlu minghajr preavviz u kienu jduru mad-dar qisha kienet taghhom u anke kien joqoghdu hemm jaraw t-television sa tard bil-lejl. Dan kien jigri anke meta hi kienet tkun Malta. L-attur kien dominanti hafna ; kien jiehu r-ricevuti u l-istatements tal-bank ta` missierha u jzommhom go file. L-attur kien ighid lil missierha li kien irranga kollox ; u li kien iqatta` dak li ma kellux bzonn. Dan kien jurta lil missierha li kien jippreferi jara kollox bil-pass tieghu. Ghalkemm l-atturi kienu jkunu d-dar tal-genituri taghha kuljum, kienu jiehdu btala ta` sitt gimghat matul x-xhur ta` Gunju u Lulju. Matul dak il-perijodu, il-genituri taghha kien jirnexxilhom jikkampaw, u setghu jiddependu mill-ghajnuna tal-girien l-ohra, fil-kaz ta` bzonn.

Qalet illi fl-2010, il-kondizzjoni ta` ommha ddeterrjorat. Kienet ammessa l-Isptar Mater Dei minhabba *hip bone fracture*. Minn hemm kienet trasferita l-ewwel l-Isptar Karen Grech, u wara l-Isptar Zammit Clapp. Fil-Milied tal-2010, kienet l-isptar. Meta cemplet lil missierha sabet li kien wahdu ghaliex l-atturi kienu qed ighaddu l-gurnata mal-familja taghhom. In segwitu ommha kienet ammessa r–Residenza San Vincenz de Paule. Mietet fix-xahar ta` Mejju 2011.

Fissret illi meta kienet marret tara lil missierha f`Lulju 2010, fiz-zmien meta ommha kienet diga` l-isptar, irrealizzat illi missierha ma kienx ta` wahdu jekk ommha tmur lura d-dar ; ghalhekk ippruvat tikkonvinci lil missierha sabiex imorru lura l-Ingilterra. Missierha qalilha li ommha kienet marida wisq biex issiefer. Ippruvat issib mod kif ommha tibqa` tiehu l-kura kollha li kellha bzonn. Ghalhekk irrangat sabiex carers imorru jzuru lil ommha darbtejn kuljum u sabiex tmur nurse darba fil-gimgha. Dan kollu sar sakemm ommha marret San Vincenz.

Qalet illi missierha kien imur jara lil ommha kuljum. Imma fix-xhur ta` Marzu u April tal-2011, spicca l-isptar ghal xahar. Ftit wara li hareg mill-isptar, mietet ommha. Hi u huha gew Malta ghall-funeral izda kellhom imorru lura l-

Ingilterra minhabba x-xoghol. Ghal xahrejn, missierha kien ighix wahdu, ghalkemm l-atturi kienu qed jikkontrollawh. L-atturi ndunaw li missierha ma setax ikompli jkampa wahdu kemm minhabba t-telfa ta` ommha kif ukoll minhabba l-problemi ta` sahha li kellu. Fix-xahar ta` Lulju 2011, missierha ddecieda li jmur lura l-Ingilterra.

Kompliet tixhed illi hija giet Malta biex tiehu lil missierha lura maghha l-Ingilterra. Indunat li missierha kien tilef hafna piz, ma kienx qed jiehu hsieb tieghu nnifsu, u ma kienx qed jiekol tajjeb ghal hafna zmien minhabba d-djufija tieghu. Missierha qalilha li l-attur kien qallu biex jixrob lime bis-soda water. Kienet inkwetata hafna ghalih u ghalhekk kienet ghamlet kuntatt mat-Tabib Dr. Farrugia li kkonferma li missierha kien malnutrit. Qabel telaq minn Malta, missierha kien irrizolva kull pendenza legali li kellu dwar il-wirt ta` ommu. Ghamel testment Malta u ddecieda li jbiegh d-dar. Hatar lil ohtu, Grace Mizzi, bhala prokuratur tieghu sabiex tiehu hsieb il-kontijiet bankarji u tbiegh id-dar. Il-prokura u t-testment saru ghand in-nutar. Ghat-testment kien prezenti l-attur ghax kien xhud tat-testment.

Tiftakar li l-attur ma kienx kuntent dwar il-fatt li missierha kien hatar lil Grace Mizzi bhala prokuratur. Taf ghax qalilha missierha li l-attur kien qed jaghmel hafna pressjoni fuqu sabiex missierha jaghtih kumpens ghall-ghajnuna li kien tah. Missierha stqarr maghha car u tond li ma ried ihalli xejn lill-atturi ghaliex kien dejjem hallashom b`mod generuz ghall-ghajnuna kollha li rcieva minghandhom. Tiftakar ukoll li missierha kien beda jibki u jitlob lill-atturi sabiex ma jhallux wahdu d-dar. L-attur kien qed jippretendi li missierha jaghmlu prokuratur tieghu.

Xehdet illi l-ahhar darba li ltaqghet mal-atturi kien ftit granet wara li kienu ghand n-nutar fit-12 ta` Lulju 2010, meta l-attur gab agent ghall-bejgh tad-dar. Cauchi beda jiddiskuti ma` dan l-agent qisu l-proprjeta kienet tieghu. Dakinhar Cauchi telaq lejn id-dar ta` l-villeggjatura illi kellu, u qatt ma regghu semghu minghandu, hlief ghal telefonata minn wahda minn ulied l-atturi, sabiex isellmilhom qabel imorru Ingilterra.

Stqarret illi meta waslu lura l-Ingilterra, missierha rega` beda jiekol tajjeb u sahtu rega` bdiet gejja lura. Missierha kien irrabjat ghall-mod kif kien gie ttrattat mill-atturi. Sahansitra kien anke cempel lil xi hbieb tieghu Malta u qalilhom li ma ried ikollu xejn aktar x`jaqsam ma` l-atturi. Dak iz-zmien saret taf illi missierha kien talab lil Lourdes Camilleri u Miriam Falzon, li kienu hbieb ta` ommhom, sabiex ma jersqux aktar lejn id-dar wara insistenza tal-atturi. Missierha kien anke talab lil Grace Mizzi sabiex tbiddel c-cavetta tad-dar biex l-atturi ma jkollhomx access. Missierha miet fil-1 ta` Ottobru 2011. Wara l-mewt ta` missierha, hija saret taf minghand Grace Mizzi illi l-atturi kien talbu l-hlas ta` kumpens ghal servigi.

**Il-konvenut** xehed illi Anthony u Josephine Gauci kienu l-ġenituri tiegħu. Qal illi wara Marzu 2009, ommu setgħet timxi bl-għajnuna ta` walking frame. Fil-każ ta` ħruġ, missieru kien juża wheelchair għal ommu. Il-ġenituri tiegħu kienu anzjani u għalhekk ma tantx kienu joħorġu. Igħid li kemm hu u kif ukoll oħtu ġew Malta diversi drabi bejn l-2009 u l-2011. Meta kienu Malta, l-ġenituri għamlu ħbieb mal-ġirien, inkluż l-atturi.

Igħid illi l-ħbiberija tal-ġenituri tiegħu mal-atturi bdiet fl-2001. Dak iż-żmien il-ġenituri tiegħu kienu għadhom f`saħħithom. Il-ġenituri tiegħu u l-atturi kienu joħorġu ta` spiss ; kienu anke jmorru Għawdex flimkien. Għalkemm l-attur dejjem kien juża l-karozza tiegħu, missieru kien iħallas l-ispejjeż għall-erbgħa li kienu, inkluż il-vapur, l-akkomodazzjoni, l-ikel u l-fuel. Xi drabi anke ulied l-atturi jew membri oħra tal-familja tagħhom kienu joħorġu magħhom, u missieru kien iħallas l-kont waħdu.

Xehed illi l-ġenituri tiegħu kellhom dħul tajjeb, għaliex missieru kellu tlett pensjonijiet u ommu kellha tnejn. Kellhom ukoll xi tfaddil ġo Malta. Meta oħtu kienet tiġi Malta, kienet iġġib magħha £3,000 minn flus missieru. Jaf li l-ġenituri kienu jżommu ħafna flus kontanti d-dar.

Stqarr illi fl-2006, ommu ġiet rikoverata l-Isptar Monte Carmeli għal madwar erbgħa ġimgħat. Meta ġiet rilaxxjata ma kellhiex problemi ta` saħħa ħlief dawk normali tal-eta. Fil-fatt kien biss fl-2009 li ommu bdiet iġġarrab problemi ta` saħħa. Kien hemm illi l-attur beda jinsisti li jieħu lill-ġenituri għall-appuntamenti mat-tobba. Il-ġenituri kienu kuntenti jaċċettaw dik l-offerta anke għaliex kienu ħbieb. Minkejja l-offerta, missieru kien iħallas tal-petrol u tal-parkeġġ, apparti li kien jagħti lill-atturi €20 tal-inkonvenjent.

Stqarr illi f`okkażjoni minnhom meta kien Malta huwa ried imur Għawdex. L-attur insista li jwasslu. Huwa aċċetta u spiċċa ħallas tal-petrol, tal-vapur u tal-ikel.

Kompla stqarr illi fl-2008, l-attriċi bdiet tgħin fil-ħasil tal-ħwejjeġ tal-ġenituri tiegħu. Milli jaf hu, dak ma kienx jinvolvi aktar minn darba fil-ġimgħa. Missieru kien qallu li kien qed iħallas lill-atturi s-somma ta` € 40 fix-xahar għal dan, minbarra li kien jagħtih l-prodotti tal-ħasil. Dwar it-tindif tad-dar, wara l-2009, missieru kien jagħmel dak li jista`. Jaf illi z-zija Grace Mizzi kienetxi drabi tgħin ukoll. L-istess kienu jagħmlu l-atturi pero` missieru dejjem qallu li huma qatt ma għamlu xejn bla ma ħallashom. Fil-fatt l-atturi qatt ma lmentaw sakemm mietet ommu.

Qal illi l-atturi kellhom ukoll c-cavetta tad-dar tal-genituri tieghu, ghaliex kienu l-girien l-aktar vicin taghhom. Fil-fatt id-dar tal-atturi kienet tinsab biswit id-dar tal-genituri tieghu. Il-konvenut cahad li din il-prossimita` kienet tfisser lit a` bilfors l-atturi kienu jmorru d-dar tal-genituri tieghu minn filghodu sa filghaxija. Qal illi l-atturi kellhom il-hajja taghhom tant illi meta kienu jmorru ghall-villeggjatura fis-sajf il-genituri tieghu kienu jmexxu ghaliex kellhom hafna hbieb u familjari li setghu jghinuhom.

Fisser illi s-sahha ta` ommu marret lura fl-2010. Sakemm marret l-isptar, missieru kien jiehu hsiebha. F`wahda mill-visti taghha go Malta, ohtu kienet irrealizzat illi missierhom ma setax ikompli wahdu. Kien hemm illi talbu lill-genituri sabiex imorru lura l-Ingilterra biex ikunu jistghu jiehdu hsiebhom. Izda missierhom qalilhom li skond it-tobba, ommhom ma kenitx f`qaghda li ssiefer ; ghalhekk ghamlu l-arrangamenti necessarji biex ikun hemm *carers* li jmorru jassistu lil ommhom darbtejn kuljum u *nurse* li tmur darba fil-gimgha. Dawn s-servizzi baqghu sejrin sakemm ommhom giet rikoverata l-isptar. Wara li mietet ommhom, missierhom baqa` xahrejn ohra Malta. Sahtu bdiet sejra lura u ma kienx qed jiehu hsieb tieghu nnifsu. Qabel ma mar lura l-Ingilterra, missierhom ghalaq il-kwistjonijiet kollha relatati mal-wirt ta` ommu, u ghamel testment sabiex jirregola s-successjoni tieghu go Malta. Iddecieda li jbiegh d-dar u hatar lil ohtu Grace Mizzi bhala prokuratrici tieghu. Minn hemm `il quddiem, l-atturi saru negattivi lejn missierhom u bdew jippretendu illi mill-bejgh tad-dar jithallsu ghal servigi li pprestaw lill-genituri taghhom. Meta misserhom mar lura l-Ingilterra, missierhom beda jghidilhom li ma ried ikollu xejn x`jaqsam ma` l-atturi. Semma li l-atturi kienu jimmanipulawh u jintimidawh. Kien konvint li l-attur ried li l-prokura ssir f`ismu sabiex ikun jista` jikkontrolla l-assi ta` missierhom. Fil-fatt missierhom ta struzzjonijiet lil Grace Mizzi sabiex tibdel is-serratura tal-bieb tad-dar sabiex l-atturi ma jkunux jistghu jidhlu aktar. Missierhom miet l-Ingilterra u kemm dam haj wara li telaq minn Malta ma regax ghamel kuntatt mal-atturi ; u lanqas huma mieghu.

Stqarr illi hu u ohtu saru jafu illi qabel missierhom telaq minn Malta, huwa kellu argument ma` l-atturi ghaliex dawn kienu qed jinsistu li jithallsu Lm10,000 waqt li missierhom kien lest li jhallas €10,000. Fix-xahar ta` April 2012, Grace Mizzi rceviet ittra ufficjali minghand l-atturi sabiex thallashom kumpens ; dan kien fiz-zmien meta sari l-konvenju biex tinbiegh d-dar. L-atturi ghamlu wkoll mandat biex id-dar ma tinbieghx ; il-pretensjoni taghhom kienet ghal ammont ta` €25,000.

**<u>Jeffrey Coewill</u>**, ir-ragel tal-konvenuta, xehed illi huwa kien jaf lill-atturi ghaliex kien jarahom meta hu u l-mara kienu jzuru lill-genituri tal-mara gewwa Malta. L-ahhar darba li marru jaraw lil missier il-mara kien fix-xahar ta` Lulju 2011. Darba minnhom marru l-ispizerija biex jixtru l-medicini, u meta marru lura d-dar, sabu lil missier il-mara jibki. Qalilhom li l-attur kien mar d-

dar jghajjat u jghidlu li kien traditur ghaliex l-attur ippretenda li kellu jkollu l-prokura ta` missier il-mara. Ix-xhud ried jikkonfronta lill-attur izda l-missier qallu : *"No, leave it please because if I can`t return home with you for whatever reason, I will have to face the consequences on my own with him."* Wara dakinhar huma qatt ma regghu hallew lil missier il-mara wahdu. Qabel mar maghhom lura l-Ingilterra, il-missier qalilhom li ma riedx li l-attur jkollu l-prokura. Fil-fatt l-attur inkorla meta sar jaf li l-missier kien hatar lil Grace Mizzi bhala prokuratrici tieghu.Meta mbaghad kienu ghand l-avukat, Cauchi rrabja hafna meta rrealiza illi Grace Mizzi kien se jkollha l-prokura.

## III. <u>Sottomissjonijiet qabel ir-relazzjoni</u>

**Il-partijiet pprezentaw noti ta` osservazzjonijiet ghall-konsiderazzjoni tal-perit legali.**

### a) <u>L-atturi</u>

Skond l-atturi, il-fatti kif fissruhom huma korraborati bix-xiehda indipendenti ta` Helen Saliba, Rev. Fr. Mario Sammut, Tabib Dr. Godfrey Farrugia u Tabib Konsulent Dr. Franco Camilleri.

Jaghmlu riferenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti tad-19 ta` Mejju 2005 fil-kawza "**<u>Guzeppi Borg vs Emanuel Azzopardi</u>**" in sostenn tal-fatt illi ghalkemm ghall-bidu huma bdew jipprestaw servigi lill-konjugi Gauci b`turija ta` rispett, fl-istess waqt huma qatt ma rrinunzjaw ghad-dritt li jinghataw il-kumpens li kien imwieghed lilhom.

Skond l-atturi, jirrizulta li s-servigi li huma pprestaw kienu regolari, ghal hames snin u ta` certa portata.

Fil-kawza tal-lum ma tistax tirrizulta l-presunzjoni tal-gratwita` billi huma qeghdin jitolbu l-hlas ghal servigi li pprestaw lil persuni li ma kellhom l-ebda parentela maghhom ("**<u>Mifsud vs Briffa</u>**" deciza minn din il-Qorti fit-3 ta` Ottobru 1995 ; u "**<u>Catania pro et noe vs Agius</u>**" deciza minn din il-Qorti fil-11 ta` Dicembru 2003).

Ghar-rigward tal-likwidazzjoni tal-kumpens, l-atturi jirreferu ghall-elementi kwalifikanti u jqisuhom skond ir-risultanzi processwali :-

**i)** **<u>Il-grad ta` qrubija bejn min jaqdi u l-persuni mghejjuna</u> :–**
Fil-kaz tal-lum, irrizulta li l-persuni koncernati ma kienux qraba.

**ii)** **<u>Il-frekwenza tas-servigi</u> :-**

Dawn inghataw b`mod konsistenti bejn l-2006 u l-2011.

**iii)** **<u>In-natura tas-servigi</u> :-**

Kienu jinkludu xiri ta` kuljum ta` ikel u medicini ; il-hasil u l-moghdija tal-hwejjeg ; il-facendi ta` kuljum tad-dar ; il-manutenzjoni tad-dar ; iz-zjajjar ma` Anthony Gauci ta` kuljum l-isptar ; l-ispejjez tal-fuel u parking ; il-visti tat-tobba ; meta kienet marida Josephine Gauci, l-attrici kienet taghtiha tiekol, tahsilha u tbiddlilha l-harqa fost prestazzjonijiet ohra ; it-toqol ta` dawn l-ghamla ta` servigi.

Skond l-atturi, il-qrati konsistentement hadu in konsiderazzjoni il-fatt jekk min jippresta s-servigi jkunx tkedded ; l-element tal-hila : fil-kaz tal-lum irrizulta li l-attrici damet madwar ghaxar xhur tnaddaf il-feriti ta` Josephine Gauci ; jekk fl-ghoti tas-servigi, il-persuna koncernata tkunx dahhlet fi spejjez minn taghha. L-atturi talbu rimbors ta` spejjez tal-parkegg fl-Isptar Mater Dei bir-rata ta` €3.65 kuljum ghat-tliet xhur u nofs li ghamlet rikoverata Josephine Gauci, u ghall-erbghin gurnata li ghamel rikoverat Anthony Gauci. Qeghdin jitolbu rimbors tal-ispejjez tal-fuel li batew l-atturi biex jiehdu lill-konjugi Gauci l-isptar jew ghand it-tobba.

**iv)** **<u>Il-mezzi tal-beneficjarji</u>**

Il-konjugi Gauci ma kienux persuni nieqsa mill-flus. Id-dar fejn kienu joqghodu Malta kienet tiswa mal-€100,000 waqt li bejniethom it-tnejn, il-konjugi Gauci kienu jircievu sitt pensjonijiet.

L-atturi ghamlu wkoll is-sottomissjonijiet taghhom dwar l-eccezzjonijiet.

**<u>Dwar l-ewwel eccezzjoni</u> :-**

Il-konvenuti kienu jafu li l-atturi kienu qeghdin jipprestaw servigi lill-genituri taghhom. Eppure qeghdin jirrifjutaw li jhallsu kumpens. L-atturi jikkontestaw li qatt thallsu tas-servizzi resi. Il-konvenuti ma gabu l-ebda prova konklussiva u sodisfacenti tal-pagament tas-servigi.

**Dwar it-tieni eccezzjoni** :-

L-atturi taw prova tas-servigi li rrendew. Il-prova hija korraborata minn xhieda indipendenti.

**Dwar it-tielet eccezzjoni** :-

Skond l-atturi, din l-eccezzjoni mhijiex rilevanti ghaliex fil-kawza tal-lum mhumiex jesigu l-hlas tal-ammont ta` Lm10,000 li kienu mweghda izda l-likwidazzjoni ta` dak l-ammont li huwa ragonevolment dovut lilhom bhala servigi.l-ammont It-tielet eccezzjoni tal-intimati hija rrilevanti ghaliex r-rikorrenti mhumiex qed jippretendu dak li kienu gew mwiegheda jigifieri Lm10,000, izda sabiex tigi likwidata somma *arbitrio boni viri* dovuta bhala kumpens.

**b) Il-konvenuti**

Skond il-konvenuti, saret il-prova illi matul il-hames snin ta` bejn l-2006 u l-2011, il-genituri taghhom ghamlu sena u nofs ighixu barra minn Malta. Ghalkemm l-atturi jikkontendu li anke matul dawn is-sena u nofs baqghu xorta jiehdu hsieb id-dar tal-genituri taghhom, jibqa` l-fatt li tenut kont tat-tip ta` servigi li jghidu li pprestaw, iz-zmien ghandu jkun ridott ghal tliet snin u nofs.

Abbazi tax-xiehda taghhom, jirrizulta li kull meta l-konvenuti kienu jzuru lill-genituri taghhom gewwa Malta, raw lil missierhom ihallas lill-attur l-ispejjez tal-fuel u tal-parkegg. Ghalkemm l-atturi jsostnu diversament, u jorbtu l-istanza taghhom ma` allegata weghda ta` hlas, m`ghandux jigi njorat il-fatt li ghalkemm huma kienu prezenti Malta matul l-kawza, l-atturi ghazlu li ma jaghmlulhomx kontroezami, u ghalhekk dak li stqarrew mhuwiex kontradett.

Irrizulta li sakemm mietet ommhom Josephine Gauci, ma kien hemm l-ebda dizgwid bejn l-partijiet. Lanqas ma kien hemm xi xorta ta` ilmenti min-naha tal-atturi.

Skond il-konvenuti, l-inkwiet beda fit-12 ta` Lulju 2011, meta missierhom Anthony Gauci ghamel it-testment.

Skond il-konvenuti, fl-ahhar xahrejn u nofs ta` hajtu, jirrizulta li missierhom bidel il-fehma li kellu tal-atturi. Hassu ntimidat meta l-atturi

ghamlu pressjoni fuqu biex ihallashom. Kif appena ntebhu li ma kienu ser jiehdu xejn minghand misserhom minn dak li kienu qeghdin jippretendu, l-atturi warrbu fil-genb il-hbiberija li kellhom mieghu. Ghalkemm Grace Mizzi bidlet is-serratura tal-bieb tad-dar, l-atturi baqghu attenti ghad-dar tant illi kif saru jafu li d-dar kienet sejra tinbiegh, kienu pronti pprezentaw rikors sabiex il-bejgh ma jsirx. Ippretendew hlas ta` €25,000.

Il-konvenuti jirrilevaw illi ghalkemm il-kawza taghhom hija ghall-hlas ta` servigi, il-hin kollu jsostnu li dak li ghamlu mal-genituri taghhom ma sarx ghall-flus.

Il-konvenuti jaghmlu riferenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti fil-kawza "**Fenech vs Schembri**" li kienet deciza fil-31 ta` Ottobru 2013.

Dwar il-principji kwalifikanti tal-jedd ghal kumpens, il-konvenuti jaghmlu dawn l-osservazzjonijiet :-

**i) Id-dritt ghall-kumpens :-**

Skond il-konvenuti, l-atturi kienu cari illi ghal dak li ghamlu mal-konjugi Gauci, ma kellhom l-ebda intenzjoni li jigu kkumpensati. Ghalhekk fil-kaz tal-lum, il-presunzjoni li kull min irendi servigi jaghmlu bil-hsieb li jigi kkumpensat ma tregix. Dan jinghad anke minhabba l-fatt li jekk kien hemm xi weghda ghal kumpens, din kienet marbuta mal-bejgh tad-dar. Ladarba l-atturi ghazlu l-azzjoni ghal-likwidazzjoni ta` servigi, dik l-allegata weghda m`ghandhiex aktar rilevanza. Ghalhekk il-Qorti ghandha tilqa` l-ewwel eccezzjoni.

**ii) Iz-zmien :-**

Bla pregudizzju ghal dak li nghad dwar l-ewwel eccezzjoni, il-konvenuti jissottomettu li z-zmien li fih r-rikorrenti setghu rrendew l-allegati servigi m`ghandux ikun ta` aktar minn tliet snin u nofs.

Isostnu li ma hemmx prova li l-atturi rrendew servigi lil ommhom sa tmiem l-2009, u servigi lil missierhom qabel Frar tal-2011.

Irrizulta li kien hemm zmien meta l-genituri taghhom kienu rikoverati fl-isptarijiet.

Jekk l-atturi rrendew servigi lil ommhom, dan kien ghal zmien limitat ta` madwar tmien xhur waqt li fil-kaz ta` missierhom, is-servigi (jekk resi) kienu ghal perijodu ta` madwar hames xhur.

Inoltre jekk fis-snin ta` qabel l-atturi taw xi ghajnuna, dan kien ghal granet jew perijodi qosra, u certament kienu frott ta` hbiberija aktar milli servigi veri u proprji.

**iii) <u>Rimbors ta` spejjez</u> :–**

Skond il-konvenuti, l-atturi ma rnexxielhomx jippruvaw l-ispejjez li taghhom qed jitolbu rimbors, fosthom dawk tal-fuel u parkegg.

Il-konvenuti jirreferu ghas-sentenzi :- "**<u>Muscat vs Cassar</u>**" (26 ta` Jannar 2012) ; "**<u>Catania vs Agius</u>**" (11 ta` Dicembru 2003) ; "**<u>Schembri vs Cassar</u>**" (20 ta` Frar 2008) ; u "**<u>Spiteri vs Briffa</u>**" (18 ta` Lulju 2012) decizi minn din il-Qorti.

## IV. <u>Ir-relazzjoni peritali</u>

### a) <u>Id-dritt ghas-servigi</u>

Il-perit legali jaghmel riferenza ghas-sentenzi ta` din il-Qorti fil-kawzi "**<u>Guzeppi Borg et vs Emanuel Azzopardi</u>**" (19 ta` Mejju 2005), "**<u>Anthony Cassar vs Lawrence Seychell</u>**" (11 ta` Lulju 1984) u "**<u>Mifsud vs Briffa noe</u>**" (3 ta` Ottobru 1935).

Skond il-perit legali, il-bazi tal-azzjoni attrici hija l-*officio judicis*, jigifieri l-hlas ghal servizzi rezi, in assenza ta` ftehim. L-atturi qeghdin ihallu f`idejn il-Qorti sabiex tillikwida l-quantum. Dan huwa kkonfermat kemm mill-provi li tressqu kif ukoll mis-sottomissjonijiet, ghaliex ghalkemm saret referenza ghall-weghda ta` Anthony Gauci li jhallas Lm10,000, l-atturi ma baqghux jinsistu specifikament fuq hlas ta` dik is-somma.

Il-perit legali jesprimi l-fehma illi l-atturi ghamlu l-prova sal-grad rikjest mil-ligi illi huma rrendew servigi lid-defunti konjugi Gauci.

Il-kwistjoni hija jekk meta rrendew dawk is-servigi kienux l-atturi qeghdin jippretendu hlas taghhom. Irrizulta anke mix-xiehda tal-atturi stess illi fil-bidu ma kellhomx hsieb li jesigu hlas. Dwar il-weghda tal-Lm10,000, il-perit legali jesprimi l-hsieb illi huwa probabbli ferm li kien hemm weghda ta` xi hlas.

Skond il-perit legali, il-weghda ta` hlas bhala tali xxejjen l-element tal-gratuwita`in-nuqqas ta` gratuwita. Jinghad illi l-intenzjoni ta` l-gratwita o meno trid tigi stabbilita fil-mument li jinghataw is-servizzi u ma tistax tinbidel retroattivament. Jirreferi ghas-sentenzi ta` din il-Qorti : "**<u>Deidun et vs Poggi</u>**"

(6 ta` Ottobru 1954) ; u "**Delicata et vs Saliba pro et noe**" (22 ta` Mejju 1989). Fil-kaz tal-lum, skond il-perit legali, jidher illi l-weghda saret fl-2006. U billi t-talba attrici hija cirkoskritta ghas-snin ta` bejn l-2006 u l-2011, dak ifisser illi s-servigi matul dawk is-snin, u li taghhom qed jintalab kumpens, ma kienux resi b`intenzjoni ta` gratuwita`.

**b) Iz-zmien**

Il-perit legali jirrileva illi mill-hames snin pretizi mill-atturi, il-konjugi Gauci ghamlu sena u nofs minnhom l-Ingilterra ghand uliedhom. Fil-bqija tat-tliet snin u nofs, il-konjugi Gauci qattghu perijodi rikoverati fl-isptarijiet. Josserva illi meta wiehed jew l-ohra kienu jkunu l-isptar, l-atturi baqghu jzuruhom. Ghall-perit legali dak ifisser illi l-impenn tal-atturi fl-ghoti tas-servigi fil-perijodi ta` degenza kien limitat meta mqabbel mal-impenn solitu. Ghalkemm z-zmien li l-konjugi Gauci ghamlu l-isptar ma kienx stabbilit b`certezza, il-perit legali wasal ghall-konkluzjoni li Josephine Gauci kellha degenza totali ta` madwar tmien xhur, waqt li Anthony Gauci kellu degenza ta` madwar xahar. Fil-fehma tal-perit legali, iz-zmien applikabbli fil-kaz ta` Josephine Gauci kellu jkun ta` 1777-il jum, li minnhom 548-il jum kienet barra minn Malta u 240-il jum kienet rikoverata l-isptar, waqt li fil-kaz ta` Anthony Gauci, is-servigi bdew jinghataw meta marad u cioe` minn Frar 2011 sa Lulju 2011 ; ghalhekk, perijodu ta` 180 gurnata, li minnhom Anthony Gauci qatta` 30 jum l-isptar.

**c) Il-likwidazzjoni**

Il-perit legali jirreferi ghas-sentenzi ta` din il-Qorti : "**Brincat vs Aquilina noe**" (31 ta` Mejju 2002) ; "**Vassallo vs Aquilina"** (29 ta` Gunju 1982) "**Cutajar vs Vella**" (6 ta` April 1982) ; u "**Buhagiar vs Mifsud**" (1 ta` Frar 1983) sabiex jikkonferma li l-kriterji ghal fini ta` likwidazzjoni huma : i) il-frekewenza u xorta ta` servigi ; ii) il-mezzi ta` min jircievi s-servigi ; u iii) il-parentela bejn min irendi s-servigi u l-persuna li tibbenefika minnhom.

Dwar il-frekwenza, il-perit legali jirrileva li fil-kaz tal-lum irrizulta li l-atturi rrendew servigi lill-konjugi Gauci b`mod regolari konsistenti fit-tindif u manuntenzjoni tad-dar, fil-hasil u moghdija tal-hwejjeg, fl-akkumpanjament ghal visti medici u fl-isptar, fil-kura personali.

Dwar il-mezzi, il-perit legali jikkontendi li abbazi tal-provi akkwiziti rrizulta li l-weghda tal-hlas kienet marbuta mal-bejgh tad-dar. Sal-lum, id-dar ghadha mhijiex mibjugha. Skond il-provi, irrizulta wkoll li l-konjugi Gauci

kellhom mezzi sufficjenti biex bihom ihallsu lill-atturi tas-servigi resi. Inoltre rrizulta li ma kien hemm l-ebda parentela bejn l-atturi u l-konjugi Gauci.

Bhala quantum, il-perit legali adotta r-rata ta` kumpens li kienet stabbilita fis-sentenza ta` din il-Qorti tal-31 ta` Ottubru 2013 fil-kawza "**<u>Fenech vs Schembri</u>**" : u cioe` ta` €2.33 fis-siegha, b`dan illi naqqas ir-rata ghal €1.55 fis-siegha ghaz-zmien meta l-konjugi Gauci kienu rikoverati. Ghar-rigward tal-perijodu, il-perit legali hadem fuq kalkolu ta` tliet sieghat ghal kull gurnata ta` servigi ghal hamest ijiem minn gimgha ta` sebat ijiem. Ghalhekk fil-kaz ta` Josephine Cauchi llikwida l-ammont ta` €5,730.09, filwaqt li fil-kaz ta` Anthony Gauci llikwida l-ammont ta` €854.58 :total ta` €6,575.67.

Ghar-rigward tal-ispejjez tal-fuel u parkegg, il-perit legali rrileva li ma kienx sodisfatt bil-kwalita` tal-prova li gabu l-atturi fis-sens illi ma ppruvawx sal-grad rikjest mil-ligi illi Anthony Gauci ma kienx irrimborsahom ta` dawk l-ispejjez.

## V. <u>Sottomissjonijiet wara r-relazzjoni</u>

**Wara l-presentata tar-relazzjoni, il-partijiet ipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet ohra.**

### a) <u>L-atturi</u>

L-atturi kkontestaw il-konkluzjonijiet peritali fuq zewg kwistjonijiet : i) iz-zmien li kien indikat bhala dak fejn kienu prestati s-servigi ; u ii) l-ispejjez inkorsi mill-atturi.

Dwar iz-zmien, l-atturi jsostnu li ma kienx ippruvat b`mod sodisfacjenti li l-konjugi Gauci ghaddew l-Ingilterra sena u nofs mill-hames snin koncernati. Min-naha taghhom, huma sostnew illi fl-2006, il-konjugi Gauci ma kienux siefru ghaliex il-mara kienet rikoverata l-Isptar Monte Carmeli. L-unika safra taghhom kienet bejn Ottobru 2007 u Marzu 2008. Il-konvenuti ma gabu l-ebda prova taz-zmien meta l-genituri taghhom kienu rikoverati. Ghalhekk, skond l-atturi, jekk b`dawk il-provi konfliggenti, il-perit legali ried joqghod fuq ix-xiehda tal-konvenuti kellu jghid ukoll ghaliex ikkonkluda li l-konjugi Gauci qattghu tmintax-il xahar barra minn Malta.

Dwar l-ispejjez, l-atturi jirrilevaw illi kien hemm materji kontradittorji fir-rapport, ghaliex minn naha wahda jinghad illi kien ippruvat li huma

akkumpanjaw lill-konjugi Gauci ghall-visti medici, u fl-istess hin waqt jinghad illi huma ma ppruvawx li l-ispejjez tal-fuel u tal-parkegg harguhom huma. Fil-fatt, skond l-atturi, irrizulta ppruvat illi l-attur kien ihallas tal-inqas €3.65 kull darba li kien imur fil-parkegg ta` l-Isptar Mater Dei. L-attur cahad ukoll li kien thallas xi flus ghall-fuel. Il-perit legali kellux jippretendi li l-atturi kellhom izommu r-ricevuti tal-hlasijiet. Del resto qatt ma basru li kien se jkollhom jaghmlu kawza biex jigbru minghand il-konvenuti dak li kien jispetta lilhom. Min-naha taghhom, il-konvenuti ma ressqux prova li missierhom kien ihallas dawk l-ispejjez.

**b) <u>Il-konvenuti</u>**

Anke l-konvenuti jikkontestaw il-konkluzjonijiet peritali fuq zewg punti.

Fl-ewwel lok, il-konvenuti ma jaqblux li l-perit legali kellu jakkorda kumpens anke ghaz-zmien li l-genituri taghhom kienu rikoverati fl-isptarijiet. Kif inghad fis-sentenza fil-kawza "**<u>Fenech vs Schembri</u>**" (op. cit.) meta l-persuna tkun l-isptar, ir-responsabilita` tal-kura tkun tal-awtoritajiet tal-isptar. Fil-kaz tal-lum, irrizulta li meta l-genituri taghhom kienu l-isptar, l-atturi kienu jzuruhom biss mhux iduru bihom. Fil-fehma tal-konvenuti, ir-rata adottata mill-perit legali ghal daz-zmien partikolari kienet eccessiva.

Fit-tieni lok, il-konvenuti jiddisputaw li kellu jsir kalkolu fuq hamest ijiem, izda kellha tkun adottata l-formola ta` "**<u>Fenech vs Schembri et</u>**" (op. cit.) Skond il-konvenuti, mill-perijodu kollhu li fih inghataw servigi kif ikkalkolat mill-perit legali, li kien total ta` 1139-il jum, ghall-finijiet ta` komputazzjoni, kellhom jigu kkunsidrat 380 jum biss sabiex il-kumpens jigi jammonta ghal kumpens ta` €2,656.

Il-konvenuti jikkontendu li l-likwidazzjoni ghal servigi ghandha tkun wahda konservattiva anke tenut kont tal-fatt li l-azzjoni hija bbazata biss fuq gurisprudenza u mhux fuq xi disposizzjoni partikolari tal-ligi. Dan huwa hekk ghaliex certament ma hemmx l-elementi tal-kwazi-kuntratt ai termini tal-Artikolu 1012 sa 1028B tal-Kap 16, u lanqas tal-appalt ta` servizzi ta` seftur skond l-Artikoli 1623 u 1626 tal-Kap 16.

Dwar l-ispejjez tal-kawza, il-konvenuti jsostnu li dawn ghandhom jithallsu mill-atturi. Fil-fatt l-ammont likwidat mill-perit legali bil-qabda inqas mill-pretensjoni originali tal-atturi, specjalment meta pprezentaw ir-rikors ghall-hrug tal-mandat ta` inibizzjoni.

## VI. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Minn analizi tar-rassenja tal-provi li saret aktar kmieni, huwa evidenti li fuq materji ta` sostanza, hemm konflitt fil-verzjonijiet tal-partijiet.

Fis-sentenza taghha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza '**<u>Xuereb et vs Gauci et</u>**' il-Qorti tal-Appell qalet hekk :–

*"Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha :*

*1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ;*

*2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "<u>Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma</u>", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta' Novembru, 2001.*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (<u>Kollez. Vol L pII p440</u>)."*

L-istess fis-sentenza ta` din il-Qorti tat-30 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "**<u>Bugeja vs Meilak</u>**" inghad :-

*"Jinsab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "<u>Farrugia vs Farrugia</u>", deciza minn din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 1966, li –*

*"il-konflitt fil-provi huwa haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti*

*ghallkonvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoi. Kif kompla jinghad fl-imsemmija kawza "Farrugia vs Farrugia", "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo".*

F`sentenza ohra tat-28 ta` April 2003 fil-kawza "**Ciantar vs Curmi noe**" din il-Qorti qalet hekk :–

*"Huwa ben maghruf f'materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo."*

Fis-sentenza tas-17 ta` Marzu 2003 fil-kawza "**Camilleri vs Borg**" il-Qorti tal-Appell qalet hekk :-

*" … kif pacifikament akkolt fil-gurisprudenza taghna "l-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet ; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet".*

*("Eucaristico Zammit –vs- Eustrachio Petrococchino", Appell Kummerc, 25 ta' Frar 1952 ; "Paul Vassallo –vs- Carmelo Pace", Appell Civili, 5 ta' Marzu 1986).*

*Il-Qorti allura jehtiegilha tara jekk il-versjoni l-wahda ghandhiex teskludi lill-ohra fuq il-bilanc tal-probabilitajiet …"*

Fis-sentenza taghha tat-12 ta` April 2007 fil-kawza "**Tonna vs Azzopardi**" il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) qalet hekk :-

*"In materja ta` provi, gie diversi drabi ritenut illi r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn :-*

*(i) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta` l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (reus in excipiendo fit actor) – ara Kollez. Vol. XLVI/i/5 ;*

*(ii) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista` joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, `jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta` l-attur hija sostenuta` – ara Kollez. Vol. XXXVII/i/577 ;*

*(iii) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta li d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti abbazi tad-domanda jew ta` l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat ;*

*(iv) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma` l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta` Revizjoni ...”*

Daqstant dwar kif ghandha qorti tittratta konflitt ta` verzjonijiet li tkun rinfaccjata bih, u x`ghandu jkun il-kejl taghha meta tigi biex tqis il-provi fl-assjem taghhom.

Din tal-lum hija kawza fejn l-atturi qeghdin jitlob il-likwidazzjoni u hlas favur taghhom ta` kumpens ghal servigi li pprestaw favur il-genituri tal-konvenuti.

Fis-sentenza li tat fis-26 ta` Gunju 2015 fil-kawza “**Saliba vs Camilleri**”, il-Qorti tal-Appell qalet hekk :-

*“ ... F`materja ta` likwidazzjoni ta` servigi gie ritenut li l-kumpens akkordat qatt ma jkun f`ammonti kbar u dan peress li s-servizzi jinghataw kwazi dejjem minhabba ragunijiet ta` parentela bejn il-partijiet u anke ghaliex it-talba ghal hlas ta` servigi hija bbazata fuq kwazi kuntratt u mhux fuq kuntratt u kwindi l- kumpens ma jkunx relatat biss mas-servigi izda ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni diversi fatturi ohra li ftit jew wisq, inaqqsu r-relazzjoni ekonomika bejn is-servigi rezi u l-hlas. Inoltre, fis-sentenza taghha fl-ismijiet ‘Maria Lourdes Brincat v. Giuseppe Brincat et’ moghtija fid-29 ta` Novembru 2013 din il-Qorti rriteniet li wiehed ma jistax jillikwida l-kumpens a bazi ta`*

*salarji prevalenti fiz-zmien li jigu prestati s-servigi u dan ghaliex ir-relazzjoni guridika bejn il-partijiet mhijiex wahda kuntrattwali izda kwazi kuntrattwali u f`dak il-kaz il-Qorti peress li mill-provi kien jidher li l-persuna li pprestat is-servigi li kienet tghix mal-genituri taghha l-Qorti bbazat il-kalkolazzjoni tal-kumpens bir-rata ta` 15-il Euro fil-gimgha bhala medja ghal perjodu inkwistjoni (tlettax-il sena bejn 1964 u 1977).*

*23. Il-Qrati Maltin diversi drabi rritenew illi meta Qorti tigi biex tillikwida l-ammont ta` kumpens dovut lill-persuna li rrendiet is-servigi, hi ghandha zzomm f`mohha :*

- *Il-frekwenza u x-xorta tas-servigi ;*
- *Il-mezzi tal-konvenuta li benefikat mill-prestazzjonijiet ; u*
- *Il-parentela tal-attur mal-konvenut.*

*24. Konsiderazzjonijiet ohra li gieli gew konsidrati mill-Qrati taghna huma jekk il-qaddej ikiddx l-istess sahhtu biex jaqdi lil haddiehor, jekk humiex affarijiet li mhux kulhadd kapaci jidhol ghalihom, u jekk il-qaddej jinkorrix spejjez li taghhom ma jkunx gie rimborsat fil-mument tal-hrug taghhom.*

…

*Ghar-ragunijiet imsemmija din il-Qorti hi tal-fehma illi minkejja illi s-servigi rezi mill-appellanti ma kienux jirrikjedu livell kbir ta` impenn u dedikazzjoni da parti taghha, li kien ikun il-kaz kieku l-attrici appellanti kienet tghix mal-appellata, jew kieku l-appellata kienet bedridden u l-appellanti kellha taghtiha l-kura necessarja, jew kieku l-attrici appellanti kellha tahsel u tnaddaf lill-appellata, fil-fehma ta` din il-Qorti mill-provi prodotti jidher car illi s-servigi rezi kienu ta` certu importanza ghall-appellata u li l-appellanti dejjem kienet hemm ghall-appellata u qdietha f`dak kollu li kellha bzonn u f`dak kollu li staqsietha. Is-servigi rezi kienu wkoll ta` certu konsistenza u kienu jirrikjedu certu livell ta` impenn u dedikazzjoni da naha tal-attrici appellanti, jekk ghal xejn iktar ghax kienet lesta biex taqdi lill-konvenuta appellata f`dak kollu li kellha bzonn u ghalhekk kienet lesta biex tissagrifika certu hin mill-hajja taghha ghall-konvenuta appellata."*

Fis-sentenza li tat din il-Qorti fil-31 ta` Ottubru 2013 fil-kawza "**Fenech vs Schembri et**" (mhux appellata) inghad hekk :-

*"L-azzjoni ghas-servigi hija bazata fid-dritt fuq il-kwazi-kuntratt. Il-principju ewlieni llum accettat fil-gurisprudenza taghna l-aktar ricenti hu li s-servigi ghandhom jitqiesu li gew prestati bi speranza ta` kumpens jekk ma jirrizultawx cirkostanzi li jistabilixxu b`mod konklussiv il-gratuwita` anke meta hemm relazzjoni ta` parentela ("Agius vs Calleja" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 15 ta` Frar 1958). Ghalhekk hadd ma huwa prezunt li offra s-servigi tieghu bla hlas sakemm il-kuntrarju ma jigix pruvat minn min jallega li s-servigi kienu prestati gratuwitament. Il-gratuwita` u r-rinunzja ghall-kumpens m`ghandhomx*

*jigu akkolti facilment (ara : Qorti tal-Appell - "**<u>Zammit et vs Vella noe</u>**" - 1 ta` Dicembru 1958 ; "**<u>Delicata et vs Saliba pro et noe</u>**" – Qorti tal- Appell – 22 ta` Mejju 1989 ; "**<u>Attard vs Attard</u>**" – Qorti tal-Appell – 13 ta` Ottubru 1989 ; "**<u>Felice vs Vella</u>**" – Prim`Awla tal- Qorti Civili – 22 ta` Gunju 1875 ; "**<u>Caruana pro et noe vs Abela</u>**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 14 ta` Jannar 1965 ; "**<u>Axiaq vs Mifsud et</u>**" – Qorti tal-Kummerc – 9 ta` Jannar 1952 ; "**<u>Deidun et vs Poggi et</u>**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 6 ta` Ottubru 1954 u "**<u>Vassallo vs Sultana</u>**" – Qorti tal-Appell – 11 ta` Frar 1974)"*

**<u>Fuq l-iskorta tal-provi li ressqu l-atturi</u>**, jirrizulta :-

i) Illi sa Marzu tal-2008, il-konjugi Gauci kienu jghaddu sitt xhur Malta u sitt xhur l-Ingilterra.

ii) Illi kienu huma li dejjem hallsu l-ispejjez tal-fuel u tal-parkegg.

iii) Illi <u>mill-2006</u>, bdew jiehdu hsieb il-qadi ta` kuljum tal-konjugi Gauci, il-gbir ta` medicini, il-visti ghand it-tobba, kif ukoll il-hasil u moghdija tal-hwejjeg.

iv) Illi l-attrici tixhed illi Anthony Gauci kien jaghtiha €10 fix-xahar sabiex tixtri l-prodotti ghal hasil tal-hwejjeg.

v) Illi Josephine Gauci kienet ghamlet <u>tlett xhur</u> rikoverata l-Isptar Monte Carmeli u huma kienu jiehdu lil zewgha jaraha kuljum.

vi) Illi Josephine Gauci giet rikoverata bejn <u>erbgha xhur u nofs</u> l-Isptar San Luqa, l-Isptar Karen Grech u l-Isptar Zammit Clapp.

vii) Illi Anthony Gauci kien rikoverat ghal <u>tlett gimghat</u> l-Isptar Mater Dei.

viii) Illi talbu ghajnuna minn qraba ta` l-konjugi Gauci izda ghal raguni jew ohra ma kellhom l-ghajnuna taghhom.

ix) Illi l-konvenuta kienet irringrazzjathom ghal kull ma ghamlu mal-genituri taghha.

x) Illi sakemm Anthony Gauci ma weghdhomx l-Lm10,000 ma kienux qed jippretendu hlas ghas-servigi li ghamlu maghhom.

xi) Illi meta Josephine Gauci marret lura d-dar, l-attrici kienet tahsilha, tnaddfilha l-feriti, u tbiddlilha l-harqa tlett darbiet kulljum.

xii) Illi l-attur kien inaddaf id-dar tal-konjugi Gauci u jaghmel il-manutenzjoni.

xiii) Illi qabel mietet Josephine Gauci rega` kienet rikoverata.

xiv) Illi Josephine Gauci mietet fit-3 ta` Lulju 2011.

**Fuq l-iskorta tal-provi li ressqu l-konvenuti**, jirrizulta :-

i) Illi l-ahhar darba li l-genituri taghhom kienu l-Ingilterra kien sa Marzu 2009.

ii) Illi missierhom kien dejjem ihallas in-noll tal-vapur ta` Ghawdex, tal-ikel u tal-akkomodazzjoni go Ghawdex.

iii) Illi fl-2006 ommhom kienet ghamlet xahar l-isptar u kien biss f`Marzu 2009 li sahhitha marret lura.

iv) Illi missierhom kien dejjem ihallas tal-ispejjez tat-trasport u parkegg l-isptar u kien jaghti €20 lill-attur tal-hin tieghu.

v) Illi missierhom kien ihallas lill-attur €20 tal-petrol.

vi) Illi mill-2009 missierhom kien jiehu hsieb tad-dar ghalkemm l-attur kien ighinu.

vii) Illi missierhom kien jaghri lill-atturi €40 fix-xahar ghall-hasil tal-hwejjeg.

viii) Illi matul ix-xhur ta` Gunju u Lulju l-atturi kienu jqattghu sitt gimghat fil-villeggjatura.

ix) Illi fl-2010 certament fix-xahar ta` Lulju ommhom kienet rikoverata l-Isptar Mater Dei, l-Isptar Karen Grech, u l-Isptar Zammit Clapp. In segwitu kienet ammessa ghal xahar fir-Residenza San Vincenz de Paule.

x) Illi l-konvenuti hadu hsieb sabiex ikun hemm carers li jmorru jiehdu hsieb ta` ommhom darbtejn kuljum, u li nurse tmur ghandha darba fil-gimgha.

xi) Illi missierhom kien l-isptar ghal xahar bejn Marzu u April 2011.

xii) Illi wara l-mewt ta` ommhom, missierhom ghamel xahrejn wahdu.

xiii) Illi missierhom ma ried ihallas xejn lill-atturi ghaliex hu dejjemn hallashom.

xiv) Illi l-attrici bdiet tghin fil-hasil tal-hwejjeg fl-2008.

xv) Illi jaccettaw li missierhom kien wieghed kumpens ta` €10,000 lill-

atturi.

L-apprezzament mill-gudikant tal-fatti partikolari tal-kaz huwa krucjali. (**Kollez. Vol. L.II.225**). Il-qies u l-mizura tal-provi tibqa` dik konsolidata fil-gurisprudenza, u cioe` illi l-kriterju mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminix dak li jkun gie spjegat lilu, *izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja* (**"Borg vs Bartolo"** – Appell Inferjuri – 25 ta` Gunju 1980). Aktar tard fiz-zmien, u cioe` fil-11 ta` Frar 2004, il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza taghha fil-kawza "**Mercieca et vs Saliba**" qalet hekk – "*Il-gudikant ma ghandu jitlaq minn ebda prekoncetti billi dawn ghandhom it-tendenza joffuskaw ir-ragonament ghaqli u l-interpretazzjoni sana u korretta tal-provi. Invece, jinhass aktar konsiljabbli illi wara ezami bir-reqqa tal-istess provi jigi determinat jekk l-ispjegazzjoni tar-raguni tal-bzonn hijiex possibbli fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja u fuq kollox hijiex perswasiva u sodisfacenti.*" Huwa **wkoll** pacifiku u manifest illi l-grad ta' prova rikjest huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f'mohh il-gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanc ta` probabilitajiet (**"Caruana vs Laurenti"** – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 8 ta` April 1994 ; **"Borg vs Manager ta' l-Intrapriza tal-Halib"** – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 17 ta` Lulju 1981; **"Vassallo vs Pace"** – Vol.LXX.II.144 u **"Zammit vs Petrococchino"** – Appell Kummercjali – 25 ta` Frar 1952).

Wara li ghamlet l-accertamenti taghha abbazi tal-assjem tal-provi akkwiziti, din il-Qorti ssib li kien ippruvat sal-grad rikjest mil-ligi illi l-atturi tassew irrendew servigi lill-genituri tal-konvenuti.

Irrizulta wkoll illi s-servigi resi ma kienux gratuwiti. Il-principju ewlieni accettat fil-gurisprudenza taghna hu li kwalunkwe servigi ghandhom jitqiesu li gew prestati bi speranza ta' kumpens jekk ma jirrizultawx cirkostanzi li jistabilixxu b'mod konklussiv il-gratuwita' ; dan ighodd ukoll meta hemm relazzjoni ta' parentela - li mhuwiex il-kaz tal-lum. Ghalhekk hadd ma huwa prezunt li offra s-servigi tieghu bla hlas sakemm il-kuntrarju ma jigix pruvat.

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fl-1 ta` Dicembru 1958 fil-kawza "**Zammit et vs Vella noe**" jinghad :–

"*... din il-Qorti, fit-12 ta' Dicembru 1935, in re 'Farrugia vs Caruana' irriteniet li fil-gurisprudenza anterjuri l-presunzjoni tan-'non-gratuita' giet sostwita bil-presunzjoni kuntrarja fil-kaz ta' servigi prestati bejn parenti, fejn is-servigi gew ritenuti bhala prestati 'familiaritis causa' ; imma fil-gurisprudenza aktar ricenti, anke ghar-rigward tal-parenti, gie applikat il-principju li kwalunkwe servigi jigu ritenuti prestati bi speranza ta' kumpens, jekk ma jirrikorrux cirkustanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il-gratuwita' sia pure minhabba relazzjonijiet ta' parentela (Vol. XXIX.II.851 u Vol. XLII.I.625)*

Fis-sentenza taghha tat-28 ta` Marzu 2003 fil-kawza "**Borg vs Gaffiero et**" din il-Qorti ghamlet din l-osservazzjoni –

*In materja ta' pretensjoni ghal servigi rezi, il-gurisprudenza taghna irregistrat dan l-izvilupp ;*

*Jezistu decizjonijiet li kienu jirritjenu li "ebda kumpens ma hu dovut meta l-vinkoli tal-konsangwinita` huma stretti, meta min jippresta s-servigi ma jkunx sofra perditi materjali, imma jkun inkomoda ruhu personalment, meta ma jkunx hemm cirkostanzi li juru bic-car illi tant mill-parti ta' min jippresta s-servigi kemm ukoll minn dak li a favur tieghu huma prestati kien hemm l-intenzjoni ta' kumpens." ("Esther Farrugia et -vs- Nutar Dr. Carmelo Farrugia noe", Appell Civili, 14 ta' Frar 1938) ;*

*Gja pero` minn zmien antik gie ritenut illi "sebbene un salario per servigi non e` dovuto, se non e` convenuto, oppure se il prestante non ebbe intenzione di farsene pagare ; pure la prestazione gratuita non si presume, e l'animo di donare e la rinunzia a retribuzione non devono facilmente accogliersi - anche se i servigi fossero state prestati colla speranza di un altro vantaggio, se questo non si verifica per fatto non imputabile a chi ha prestato i servigi" - "Felicia Felice -vs- Giuseppe Vella", Prim' Awla, Qorti Civili, 22 ta' Gunju 1875 ;*

*L-indirizz l-aktar recenti fuq is-suggett hu dak li s-servigi jigu prestati bi speranza ta' kumpens jekk ma jikkonkorrux cirkostanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il-gratuwita` sija pure minhabba relazzjoni ta' parentela. ("Giuseppina Deidun et -vs- Emilia Poggi et", Prim' Awla, Qorti Civili, 6 ta' Ottubru 1954). Dan ghaliex il-gratuwita` u r-rinunzja ghall-kumpens ma ghandhomx jigu akkolti facilment ("Elizabeth Vassallo -vs- Francoise Sultana", Appell Kummercjali, 11 ta' Frar 1974 ; "Mary Grace Attard -vs- Rosario Attard", Appell Civili, 13 ta' Ottubru 1989).*

(ara wkoll **"Delicata et vs Saliba pro et noe"** – Qorti tal-Appell – 22 ta` Mejju 1989 ; **"Caruana pro et noe vs Abela"** – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 14 ta` Jannar 1965 ; **"Zammit et vs Vella noe"** – Qorti tal-Appell 1 ta` Dicembru 1958 "**Agius vs Calleja"** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 15 ta` Frar 1958 u **"Axiaq vs Mifsud et"** – Qorti tal-Kummerc – 9 ta` Jannar 1952).

Il-Qorti tirrileva li l-atturi ma nvokawx id-dikjarazzjoni jew "weghda" tal-mejjet Anthony Gauci sabiex jinsistu fuq il-hlas ta` *dik* is-somma ta` Lm10,000 ghas-servigi li rrendew lilu u lill-mara tieghu. Fir-realta` huma rreferew ghal dik id-dikjarazzjoni jew "weghda" sabiex isostnu fl-ewwel lok illi huma kienu tabilhaqq irrendew servigi, u fit-tieni lok sabiex isostnu illi effett ta` dik id-dikjarazzjoni jew "weghda" kien qed jigi accettat illi l-prestazzjonijiet taghhom ma kienux gratuwiti.

Ghalhekk fil-kaz tal-lum, il-kwistjoni vera hija l-likwidazzjoni tal-kumpens li l-atturi talbu lill-Qorti sabiex tillikwida.

Sabiex tillikwida l-quantum, il-Qorti zammet quddiemha l-elementi kwalifikanti tal-azzjoni u cioe` : a) il-frekwenza u x-xorta ta` servigi ; b) il-mezzi ta` min ibbenefika mill-prestazzjonijiet ; u c) l-parentela ta` min irenda s-servigi ma min ircevihom.

Fil-kaz tal-lum mhuwiex kontestat illi l-atturi u l-konjugi Gauci ma kienux parentati.

Lanqas ma huwa kontestat illi bid-dhul li kellhom, il-konjugi Gauci kienu f`qaghda finanzjarja komda biex ihallsu ghal servigi. Jirrizulta nfatti illi l-konjugi Gauci <u>flimkien</u> kellhom sitt pensjonijiet ta` sostanza. Inoltre rrizulta li kull darba li l-konvenuta kienet tigi Malta biex izzur lill-ġenituri taghha kienet tnizzel maghha tlitt elef Lira Sterlina mid-depoziti li kellhom l-Ingilterra.

Id-disputa hija <u>**sostanzjalment**</u> dwar il-frekwenza tal-prestazzjonijiet.

Hemm imbaghad il-kwistjoni tar-rata ta` €2.33 fis-siegha bhala kumpens, u l-aggustament ta` dik ir-rata li ghamel il-perit legali. Dwar dawn il-Qorti taghti l-fehma taghha `l quddiem.

Din il-Qorti m`ghandhiex <u>prova dokumentata</u> ta` meta kienet l-ahhar darba illi l-konjugi Gauci marru l-Ingilterra ghand uliedhom. Dan qieghed jigi rilevat ghaliex filwaqt illi l-atturi jirreferu ghal Marzu 2008, il-konvenuti jirreferu ghal Marzu 2009.

Lanqas m`ghandha din il-Qorti prova – <u>kemm jista` jkun preciza</u> – imbaghad f`kawzi ta` din ix-xorta – taz-zmien effettiv illi wiehed jew l-iehor mill-konjugi Gauci dam rikoverat fl-isptarijiet. Prova ta` din ix-xorta setghet tigi ricerkata ghand l-awtoritajiet tal-isptarijiet koncernati minghajr wisq diffikulta`. Ghalhekk il-Qorti hija sprovvista minn dati precizi. Fl-istess waqt it-taghrif moghti mill-konvenuti huwa ndikattiv.

F`dan l-istadju, il-Qorti ssostni l-principju tad-dritt illi l-oneru tal-prova sabiex jigi stabbilit l-perijodu effettiv ta` meta nghataw is-servigi kien jispetta lill-atturi.

Fic-cirkostanzi, il-Qorti sejra taghmel l-kostatazzjonijiet taghha.

Jidher illi fl-2006, Josephine Gauci kienet rikoverat ghal madwar xahar l-Isptar Monte Carmeli. Dan jikkoincidi maz-zmien meta l-atturi jghidu li bdew jghinu, ghalkemm ghar-rigward tal-2006, gara biss ghax-xahar illi Josephine Gauci kienet rikoverata.

L-atturi jikkontendu li l-ahhar darba li l-konjugi Gauci marru l-Ingilterra kien fix-xahar ta` Marzu 2008. Billi l-problemi akuti ta` sahha ta` Josephine Gauci jidher li sehhew fl-2010, din il-Qorti hija propensa li taghti affidament ghall-verzjoni tal-konvenuti meta xehdu illi l-ahhar darba illi l-genituri taghhom marru l-Ingilterra kien fix-xahar ta` Marzu 2009. Jinghad ukoll illi l-2009 jaqbel mal-istqarrija tal-konvenuti illi kien fl-2009 illi missierhom beda jaghmel il-facendi fid-dar. Ghalhekk kollox ma` kollox din il-Qorti tqis l-2009 bhala is-sena fejn l-atturi rrendew servigi ta` kwalita` tali illi taghhom kienu haqqhom kumpens. Dan qieghed jigi sottolineat ghaliex mhuwiex eskluz illi wara l-2006 l-atturi taw *daqqa t`id* lill-konjugi Gauci izda mill-assjem tal-provi li tressqu ghall-konsiderazzjoni taghha, din il-Qorti ma ssibx li dawk id-*daqqiet ta` id* kienu jimmeritaw kumpens tenut kont tal-fatturi tal-kontinwita` u l-frekwenza. Din il-Qorti ma tistax twarrab fil-genb li l-kuntatt bejn l-atturi u l-konjugi Gauci twieled minn relazzjoni ta` buon vicinat li skonfinat fi hbiberija u kunfidenza. Propju ghalhekk din il-Qorti taghmel differenza ta` kwalita` bejn att intiz u destinat li jkun att ta` hbiberija ma` att ta` servizz li jmur ben oltre l-gratuwita` anzi li min-natura tieghu jiskatta dritt ghal kumpens.

Is-servigi tal-atturi waslu fl-ahhar principalment meta mietet Josephine Gauci u waqfu ghal kollox meta Anthony Gauci mar lura l-Ingilterra biex jigi ndukrat mill-konvenuti.

Ghar-rigward tax-xorta ta` servigi, jirrizulta illi kien hemm il-qadjiet ta` kuljum, il-xiri tal-medicini, il-visti lit-tobba, u l-hasil u moghdija tal-hwejjeg.

Jirrizulta li meta Josephine Gauci kienet *bed-ridden,* l-attrici kienet tiehu hsieb illi tahsilha, tnaddaf mill-feriti u tbiddilha tlett darbiet kuljum. F`dan il-kuntest, l-Qorti tinnota illi ghalkemm il-konvenuti jixhdu li kienu mpjegaw carers u nurse sabiex jiehdu hsieb ta` ommhom, il-prova ta` dan hija karenti ghall-ahhar. Ghalhekk ghal dan il-Qorti taghti affidament lix-xiehda tal-atturi.

Mhuwiex kontestat illi l-attur kien jaghmel ukoll xi manutenzjoni fid-dar tal-genituri tal-konvenuti.

Meqjus dan kollu, din il-Qorti hija tal-fehma illi mill-provi jirrizulta illi bejn l-2009 sa ma mietet fix-xahar ta` Mejju 2011, Josephine Gauci ghamlet total ta` tmien xhur u nofs fi sptarijiet differenti. Jidher illi fl-2010 ghamlet erba` xhur u nofs bejn l-Isptar Mater Dei u l-Isptar Karen Grech, zmien li huwa konfermat miz-zewg partijiet. Wara marret l-Isptar Zammit Clapp ; ghalkemm l-atturi ma jaccennawx ghaz-zmien li qattghet hemm, il-konvenuti jghidu li ommhom damet tliet xhur. Wara ftit zmien id-dar, Josephine Gauci marret ir-residenza San Vincenz de Paule fejn mietet fix-xahar ta` Mejju 2011. L-atturi ma jaccennawx ghal zmien go San Vincenz. Min-naha taghhom il-konvenuti jghidu li damet xahar.

Mhuwiex kontestat li l-konvenuti qattghu sitt gimghat villeggjatura. Ghalkemm jikkontendu li s-servigi taghhom issoktaw anke meta kienu villeggjatura, din il-Qorti tippreferi toqghod fuq dak li jigri minn *awl id-dinja* u thalli barra mill-kontegg tas-servigi z-zmien tal-villeggjatura ; del resto bhala fatt li tmur villeggjatura huwa essenzjalment intiz sabiex dak li jkun iqatta` zmien ta` mistrieh mir-rutina ta` kuljum.

Il-Qorti qeghda taqbel mal-kostatazzjonijiet tal-perit legali dwar il-perijodi tal-isptar.

Izda mhijiex qeghda taqbel mal-konkluzjoni tal-perit legali illi s-servigi resi lil Anthony Gauci kienu ta` 150 gurnata biss.

**Fl-assjem ta` kollox, u wara li tnaqqas iz-zmien li l-atturi marru villeggjatura, din il-Qorti hija tal-fehma konsiderata illi ghar-rigward ta` Josephine Gauci, l-atturi rrendew servigi kompensabbli mifruxa fuq figura ta` <u>sitta u sebghin (76) gimgha</u>.**

**Ghal dak li jirrigwarda Anthony Gauci, jirrizulta illi minn Marzu 2011 sa April 2011 kien rikoverat l-Isptar Mater Dei. Ghalhekk, wara li tnaqqsu s-sitt gimghat villeggjatura, jidher illi fil-kaz ta` Anthony Gauci, is-servigi kompensabbli resi mill-atturi jkopru perijodu ta` <u>mija u erbatax (114) –il gimgha</u>.**

Il-perit legali adotta r-rata ta` €2.33 fis-siegha, fuq bazi ta` tliet sighat kuljum, fuq hamest ijiem : €2.33 x 3 x 5 fuq l-iskorta tas-sentenza ta` din il-Qorti fil-kawza "**<u>Fenech vs Schembri et</u>**" (op. cit.)

Ghaz-zmien ta` meta l-konjugi Gauci kienu rikoverati, il-perit legali adotta mbaghad rata ridotta ta` €1.55 ghall-istess sighat u granet.

Din il-Qorti mhijiex taqbel mal-perit legali.

Skond il-gurisprudenza, meta l-persuna tkun rikoverata l-isptar, il-kura ta` dik il-persuna tkun fdata lill-isptar, mhux aktar lil min kien qed irendi servigi.

**Ghal din il-Qorti, haga hija li tiehu hsieb il-bzonnijiet ta` persuna b`mod li dak l-impenn jiskatta obbligu ta` hlas, u ohra hija l-haga li takkumpanja persuna biex tmur tara qarib l-isptar fejn qieghed jircievi l-kura. Irrizulta li l-atturi kienu hbieb tal-kunfidenza mal-konjugi Gauci. Ghalhekk din il-Qorti ssibha kemxejn difficli taccetta li l-atturi li <u>fil-bidu</u> ddikjaraw li kull ma ghamlu ma` Gauci kien *senza interessi* jigu mbaghad biex jirreklamaw hlas ghax hadu lil Anthony Gauci biex jinvista lill-mara tieghu. Konsistenza fl-imgieba irid ikun hemm <u>dejjem</u> anke meta l-persuna jkun jidhrilha li ma gietx trattata tajjeb !**

Huwa ghalhekk illi din il-Qorti mhijiex sejra takkorda lill-atturi hlas – anke jekk ridott – ghal servigi ghaz-zmien li wahda jew l-iehor mill-konjugi Gauci rrizulta li kienu rikoverati fi sptar.

Ghar-rigward tal-quantum, irrizulta li s-servigi li kienet tehtieg Josephine Gauci kienu ta` kwalita` aktar gravuza ghall-attrici specjalment minn dawk prestati lil Anthony Gauci.

L-ahhar pronunzjament dwar servigi mill-Qorti tal-Appell kien dak tas-sentenza tas-26 ta` Gunju 2015 fil-kawza "**<u>Saliba vs Camilleri</u>**" (op. cit.)

Din il-Qorti qieset b`reqqa r-*ratio decidendi* tal-Qorti tal-Appell fejn abbazi tal-fattispeci ta` dak il-kaz akkordat kumpens ghal servigi ta` €20 fil-gimgha.

Fil-kaz ta` Anthony Gauci, din il-Qorti sejra tadotta r-rata ta` €20 fil-gimgha akkordata fil-kawza "**<u>Saliba vs Camilleri</u>**" (op. cit.) propju ghaliex il-prestazzjonijiet f`dik il-kawza kienu jixbhu dawk ta` Anthony Gauci.

Pero` billi fil-kaz ta` Josephine Gauci rrizulta li l-prestazzjonijiet kienu aktar gravuzi. Infatti l-qrati taghna kienu konsistenti meta affermaw illi l-

kumpens m`ghandux ikun baxx meta l-beneficcjarju jkun marid jew mhux mobbli, b`mod li dan ikollu bzonn ta` assistenza personali u kontinwa (ara s-sentenzi ta` din il-Qorti : "**Zammit et vs Farrugia Sacco noe**" fit-28 ta` Gunju 1982 ; u **"Buhagiar noe vs Mifsud noe"**, deciza fl-1 ta` Frar 1983). Fil-kawza "**Saliba vs Camilleri**" (op. cit.) ma kienx jittratta persuna li kienet *bed-ridden.* Fil-kaz ta` Josephine Gauci din il-Qorti sejra tadotta l-kontegg li kien adoperat fil-kawza "**Fenech vs Schembri et**" (op. cit.)

**Ghalhekk din il-Qorti qeghda tillikwida l-kumpens tal-atturi ghas-servigi prestati lil Anthony Gauci fl-ammont ta` €2,280 (114 gimghat x €20) u qeghda tillikwida l-kumpens tal-atturi ghas-servigi prestati lil Josephine Gauci fl-ammont arrotondat ta` €2,656 (76 gimghat x €34.95) : total ta` €4,936.**

Finalment l-atturi qeghdin jippretendu rimbors tal-ispejjez tal-fuel u tal-parkegg li hallsu meta marru jzuru lill-konjugi Gauci fl-isptarijiet. Bhala fatt mill-atti ma tirrizultax il-prova tan-nefqa. Il-pretensjoni attrici hija kontradetta mill-konvenuti li sostnew li missierhom kien ihallas dawk l-ispejjez. Il-Qorti tikkondividi l-linja li ha l-perit legali illi ma ghandux jigi akkordat ir-rimbors pretiz ghaliex ma kienx ippruvat sal-grad rikjest mil-ligi.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti.**

**Tilqa` l-ewwel talba skond kif fuq inghad.**

**Tilqa` t-tieni talba billi tillikwida l-kumpens ghal servigi dovut lill-atturi kif fuq inghad fl-ammont komplessiv ta` erbat elef disa` mija sitta u tletin Ewro (€4,936).**

**Tilqa` t-tielet talba billi tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma likwidata ta` erbat elef disa` mija sitta u tletin Ewro (€4,936) bl-imghax legali b`effett mil-lum.**

**Tordna lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ispejjez ta` din il-kawza,**

**komprizi dawk tal-Ittra Ufficjali numru 1074/12. Ghar-rigward tal-ispejjez tal-Mandat ta` Inibizzjoni Nru 1279/12 RCP, tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**